



Brussell, 3 ta' Lulju 2024  
(OR. en)

10599/24

---

**Fajl Interistituzzjonal:**  
**2023/0290(COD)**

---

**CODEC 1411**  
**MI 561**  
**ENT 105**  
**CONSOM 203**  
**SAN 313**  
**COMPET 607**  
**CHIMIE 39**  
**ENV 575**  
**PE 150**

**NOTA TA' INFORMAZZJONI**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar is-sikurezza tal-ġugarelli u li jħassar id-Direttiva 2009/48/KE - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strażburgu, mill-11 sal-14 ta' Marzu 2024)

---

**I. INTRODUZZJONI**

Ir-rapporteur, Marion WALSMANN (PPE, DE), ippreżentat rapport dwar il-proposta msemmija hawn fuq għal Regolament f'isem il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) li kien fih 241 emenda (l-emendi 1 sa 241) għall-proposta.

Barra minn hekk, il-grupp ECR ressaq ġumes emendi (l-emendi 242 sa 246), il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) ressaq 12-il emenda (l-emendi 247 sa 258) u għadd ta' MEPs minn gruppi politiċi differenti ressqu emenda waħda (l-emenda 259).

## **II. VOT**

Meta vvotat fit-13 ta' Marzu 2024, il-plenarja tal-Parlament Ewropew adottat l-emendi 1 sa 172, 174 sa 197, 199 sa 219, 221 sa 241, 245 u 247 sa 258 għall-proposta għal Regolament. Ma ġiet adottata ebda emenda oħra.

Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif tidher fl-Anness ta' dan id-dokument.\*

---

---

\* L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kolloks mal-verżjoni EN.

**P9\_TA(2024)0144**

**Is-sikurezza tal-ġugarelli u t-tħassir tad-Direttiva 2009/48/KE**

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2024 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli u li jħassar id-Direttiva 2009/48/KE (COM(2023)0462 – C9-0317/2023 – 2023/0290(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0462),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0317/2023),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2023<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħi,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A9-0044/2024),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħi biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

<sup>1</sup> ĠU C, 2024/1577, 5.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/1577/oj>.

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 2**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

(2) It-tfal huma grupp partikolarment vulnerabqli. Hu essenziali li jkun żgurat livell ġħoli tas-sikurezza tat-tfal meta jkunu qed jilagħbu bil-ġugarelli. Jenħtieġ li t-tfal ***ikunu*** protetti kif xieraq mir-riskji possibbli li joħolqu l-ġugarelli, ***b'mod partikolari*** mis-sustanzi kimiċi li jista' jkun fihom il-ġugarelli. Fl-istess ħin, il-ġugarelli konformi jenħtieġ li jkunu jistgħu jiċċaqilqu liberament fis-suq intern mingħajr rekwiżiti addizzjonali.

*Emenda*

(2) It-tfal huma grupp partikolarment vulnerabqli. Hu essenziali li jkun żgurat livell ġħoli tas-sikurezza tat-tfal meta jkunu qed jilagħbu bil-ġugarelli. Jenħtieġ li t-tfal, ***inklużi t-tfal b'diżabbiltà jkunu*** protetti kif xieraq mir-riskji possibbli li joħolqu l-ġugarelli, ***inkluż*** mis-sustanzi kimiċi li jista' jkun fihom il-ġugarelli. Fl-istess ħin, il-ġugarelli konformi jenħtieġ li jkunu jistgħu jiċċaqilqu liberamente fis-suq intern mingħajr rekwiżiti addizzjonali.

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 9**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

(9) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi rekwiżiti essenziali ġħall-ġugarelli biex ikun żgurat livell ġħoli tal-protezzjoni tas-saħħha u tas-sikurezza tat-tfal meta jkunu qed jilagħbu bil-ġugarelli, kif ukoll il-moviment liberu tal-ġugarelli fl-Unjoni. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi ***applikat*** b'mod li jqis il-prinċipju ta' prekawzjoni.

*Emenda*

(9) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi rekwiżiti essenziali ġħall-ġugarelli biex ikun żgurat livell ġħoli tal-protezzjoni tas-saħħha u tas-sikurezza tat-tfal meta jkunu qed jilagħbu bil-ġugarelli, kif ukoll il-moviment liberu tal-ġugarelli fl-Unjoni. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi ***implimentat*** b'mod li jqis il-prinċipju ta' prekawzjoni.

**Emenda 3**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 14**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Id-dipendenza fuq it-teknoloġiji diġitali wasslet għal perikli ġoddha fil-ġugarelli. Il-ġugarelli bir-radju jridu jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali għall-protezzjoni tal-privatezza u l-ġugarelli konnessi mal-internet iridu jinkorporaw salvagwardji għaċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni mill-frodi f'konformità mad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>30</sup>. Il-ġugarelli li jinkludu l-intelliġenza artifiċjali jridu jikkonformaw mar-Regolament (UE) .../[OP **please insert serial number for Regulation laying down harmonised rules on artificial intelligence**]<sup>31</sup>. Għalhekk jenħtieġ li **ma jiġux stabbiliti** rekwiżiti tas-sikurezza partikolari fir-rigward taċ-ċibersigurtà, il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza jew perikli oħra li jinħolqu bl-inkorporazzjoni tal-intelliġenza artifiċjali fil-ġugarelli. **Iżda l-protezzjoni tas-saħħha tat-tfal jenħtieġ li mhux sempliċiment tiżgura n-nuqqas ta' mard jew infermità, filwaqt li d-dipendenza fuq it-teknoloġiji diġitali tista' toħloq riskji għat-tfal li jmorru lil hinn mis-saħħha fiżika tagħhom. Biex ikun żgurat li t-tfal ikunu protetti minn kull riskju li jinħoloq bl-użu tat-teknoloġiji diġitali fil-ġugarelli, ir-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali jenħtieġ li jiżgura s-saħħha psikoloġika u mentali tat-tfal, kif ukoll il-benesseri u l-iżvilupp konjittiv tat-tfal.**

<sup>30</sup> Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar **I-armonizzazzoni** tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħhid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva

*Emenda*

(14) Id-dipendenza fuq it-teknoloġiji diġitali wasslet għal perikli ġoddha fil-ġugarelli. Il-ġugarelli bir-radju jridu jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali għall-protezzjoni tal-privatezza u l-ġugarelli konnessi mal-internet iridu jinkorporaw salvagwardji għaċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni mill-frodi f'konformità mad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>30</sup>. Il-ġugarelli li jinkludu l-intelliġenza artifiċjali jridu jikkonformaw mar-Regolament (UE) .../[OP **jekk jogħġibok daħħal in-numru tas-serje għar-Regolament li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali]<sup>31</sup>. Għalhekk, **ġugarelli bħal dawn jenħtieġ li jikkonformaw mal-istandards tas-sikurezza, tas-sigurtà u tal-privatezza mid-disinn**. Jenħtieġ li rekwiżiti tas-sikurezza partikolari fir-rigward taċ-ċibersigurtà, il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza jew perikli oħra li jinħolqu bl-inkorporazzjoni tal-intelliġenza artifiċjali fil-ġugarelli **jiġu trattati fil-leġiżlazzjoni speċifika**.**

<sup>30</sup> Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar **I-armonizzazzjoni** tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħhid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva

1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62).

<sup>31</sup>[OP: please insert in the text the number of the Regulation and insert the number, date, title and OJ reference of that Regulation in the footnote.]

1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62).

<sup>31</sup> OP: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tat-test tar-Regolament u daħħal in-numru, id-data, it-titlu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħi il-paġna.

## Emenda 4

### Proposta għal regolament Premessa 14a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(14a) Fl-ambitu tar-Regolament (UE) .../...**  
[ĠU daħħal in-numru tas-serje għar-Regolament li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali] il-ġugarelli li jkun fihom sistemi tal-IA bħala komponenti tas-sikurezza huma meqjusa bħala IA b'riskju għoli. Barra minn hekk, fl-ambitu tal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika, ġugarelli konnessi mal-internet li jkollhom karatteristiċi interattivi soċjali (eż. taħdit jew iffilmjar) jew li jkollhom karatteristiċi ta' traċċar tal-post huma meqjusa bħala prodotti importanti b'elementi diġitali (Klassi I). Abbażi ta' dawk ir-Regolamenti, ġugarelli bħal dawn jirrikjedu valutazzjoni tal-konformità minn parti terza, diment li l-manifattur ma jkunx applika standards armonizzati rilevanti.

## Emenda 5

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 14b (ġdida)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(14b) Il-valutazzjoni tas-sikurezza jenħtieġ li tqis ir-riskju għas-saħħha li jippreżentaw il-ġugarelli konnessi b'mod diġitali, meta xieraq, inkluż kwalunkwe riskju għas-saħħha mentali. Għalhekk, meta jivvalutaw is-sikurezza tal-ġugarelli konnessi b'mod diġitali li x'aktarx iħallu impatt fuq it-tfal, jenħtieġ li, fl-aħjar interess tat-tfal, il-manifatturi jiżguraw li l-prodotti li jqiegħdu għad-dispożizzjoni fis-suq jissodisfaw l-oħra standards tas-sikurezza, tas-sigurtà u tal-privatezza mid-disinn.**

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 15**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(15) Il-ġugarelli jenħtieġ li jikkonformaw mar-rekwiżiti fiżiċi u mekkaniċi li jevitaw li t-tfal iweġġgħu fiżikament meta jkunu qed jilagħbu bil-ġugarelli u jenħtieġ li ma joħolqu riskju ta' fgar jew soffokazzjoni għat-tfal. Biex it-tfal jiġu protetti mir-riskju ta' dannu fis-smiġħ, jenħtieġ li jiġu stabiliti limiti massimi għall-ħoss **impulsiv u għall-ħoss** kontinwu li joħorġu mill-ġugarelli. Il-ġugarelli jew il-partijiet tagħhom u l-imballaġġ tagħhom li jistgħu jkunu raġonevolment mistennija li jiġu f'kuntatt mal-ikel jew li l-kostitwenti tagħhom jiġu trasferiti fl-ikel f'kundizzjonijiet normali jew prevedibbli ta' użu huma soġġetti għar-Regolament

(15) Il-ġugarelli jenħtieġ li jikkonformaw mar-rekwiżiti fiżiċi u mekkaniċi li jevitaw li t-tfal iweġġgħu fiżikament meta jkunu qed jilagħbu bil-ġugarelli u jenħtieġ li ma joħolqu riskju ta' fgar jew soffokazzjoni għat-tfal. Biex it-tfal jiġu protetti mir-riskju ta' dannu fis-smiġħ, jenħtieġ li jiġu stabiliti limiti massimi **li jaqis u l-istudji xjentifiċi u r-rakkmandazzjonijiet tal-eserti mediċi kemm għall-ħoss f'impulsi kif ukoll** għall-ħoss kontinwu li joħorġu mill-ġugarelli **li huma ddisinjati biex jagħmlu ħoss**. Il-ġugarelli jew il-partijiet tagħhom u l-imballaġġ tagħhom li jistgħu jkunu raġonevolment mistennija li jiġu f'kuntatt mal-ikel jew li l-kostitwenti

(KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>32</sup>. Barra minn hekk, **jixraq** jiġu stipulati rekwiżiti speċifiċi tas-sikurezza li jkopru l-periklu speċifiku potenzjali maħluq mill-ġugarelli fl-ikel, billi l-assoċjazzjoni ta' ġugarell u prodott tal-ikel tista' tikkawża riskju ta' fgar li hu distint mir-riskji maħluqa mill-ġugarell waħdu u li, għalhekk, mhux kopert minn miżuri speċifiċi fil-livell tal-Unjoni. Il-ġugarelli jenħtieġ li jiżguraw ukoll protezzjoni biżżejjed rigward il-fjammabbiltà jew il-karatteristiċi elettriċi, b'mod partikolari biex ikunu evitati l-ħarqiet jew ix-xokkijiet elettriċi. Barra minn hekk, il-ġugarelli jenħtieġ li jissodisfaw ċerti standards tal-iġjene biex ikunu evitati riskji mikrobijoloġiċi jew riskji oħra ta' infezzjoni jew kontaminazzjoni.

tagħhom jiġu trasferiti fl-ikel f'kundizzjonijiet normali jew prevedibbli ta' użu huma soġġetti għar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>32</sup>. Barra minn hekk, **huwa xieraq li** jiġu stipulati rekwiżiti speċifiċi tas-sikurezza li jkopru l-periklu speċifiku potenzjali maħluq mill-ġugarelli fl-ikel, billi l-assoċjazzjoni ta' ġugarell u prodott tal-ikel tista' tikkawża riskju ta' fgar li hu distint mir-riskji maħluqa mill-ġugarell waħdu u li, għalhekk, mhux kopert minn miżuri speċifiċi fil-livell tal-Unjoni. Il-ġugarelli jenħtieġ li jiżguraw ukoll protezzjoni biżżejjed rigward il-fjammabbiltà jew il-karatteristiċi elettriċi, b'mod partikolari biex ikunu evitati l-ħarqiet jew ix-xokkijiet elettriċi. Barra minn hekk, il-ġugarelli jenħtieġ li jissodisfaw ċerti standards tal-iġjene biex ikunu evitati riskji mikrobijoloġiċi jew riskji oħra ta' infezzjoni jew kontaminazzjoni.

---

<sup>32</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4).

---

<sup>32</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4).

## Emenda 7 Proposta għal regolament Premessa 16

### *Test propost mill-Kummissjoni*

(16) Is-sustanzi kimiċi kklassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tosſiċi għar-riproduzzjoni (sustanzi CMR), is-sustanzi kimiċi li jaffettwaw is-sistema endokrinali, is-sistema respiratorja jew tosſiċi għal organu speċifiku huma partikolarmen dannażi għat-tfal u jenħtieġ li jiġu indirizzati speċifikament fil-ġugarelli.

### *Emenda*

(16) Is-sustanzi kimiċi kklassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tosſiċi għar-riproduzzjoni (sustanzi CMR), is-sustanzi kimiċi li jaffettwaw is-sistema endokrinali, is-sistema respiratorja jew li huma tosſiċi għal organu speċifiku **jew li huma mobbli, persistenti, bijoakkumulattivi u tosſiċi huma partikolarmen dannażi għat-tfal u**

Minħabba r-rwol essenzjali tas-sistema endokrinali tul l-iżvilupp tal-bniedem, esponenti bikri tul il-perjodi kritiċi, bħattfulija bikrija, għall-interferenti endokrinali jista' jwassal għal effetti negattivi anki f'dożi baxxi ħafna u jaffettwa s-saħħha fi stadju aktar tard tal-ħajja. Is-sensitizzaturi respiratorji jistgħu jwasslu għal żieda fl-ażma **tat-tfal** u s-sustanzi newrotossiċi huma partikolarment dannużi għall-moħħ tat-tfal li qed jiżviluppa, li hu intrinsikament aktar vulnerabbli għal korriġent tossiku mill-moħħ tal-adulti. It-tfal jenħtieġ li jkunu protetti kif xieraq mis-sustanzi allerġeniċi u ċerti metalli. Ir-rekwiżiti għas-sustanzi kimiċi stabbiliti fid-Direttiva 2009/48/KE jeħtieġ jiġu aġġornati u msaħħha. Il-ġugarelli jridu jkunu konformi mal-leġiżlazzjoni ġenerali dwar is-sustanzi kimiċi, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Biex tingħata aktar protezzjoni lit-tfal, li huma grupp vulnerabbli ta' konsumaturi, u lil persuni oħra, dak il-qafas legali jenħtieġ li jiġi supplimentat bi projbizzjonijiet ġeneriċi **tal-ġugarelli** li jkopru ċerti sustanzi kimiċi perikolużi, kif ikklasseifikati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>33</sup>. Dawk il-projbizzjonijiet ġeneriċi jenħtieġ li **jkunu** japplikaw għas-sustanzi CMR, għall-interferenti endokrinali, *is-sensitizzaturi* respiratorji u *s-sustanzi mmirati għal* organu spċificu, *hekk kif dawk is-sustanzi jiġi* kklassifikati bħala perikolużi skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008<sup>34</sup>. **Biex tkun** żgurata s-sikurezza tal-ġugarelli, is-sustanzi pprojbiti jenħtieġ li jkunu aċċettabbli f'livelli ta' traċċi iżda biss jekk il-preżenza tagħhom f'livelli bħal dawn tkun inevitabbli teknoloġikament bi prattiki tal-manifattura tajba u jekk il-ġugarell ikun sikur.

**għall-ambjent** u jenħtieġ li jiġu indirizzati speċifikament fil-ġugarelli. Minħabba r-rwol essenzjali tas-sistema endokrinali tul l-iżvilupp tal-bniedem, esponenti bikri tul il-perjodi kritiċi, bħattfulija bikrija, għall-interferenti endokrinali jista' jwassal għal effetti negattivi anki f'dożi baxxi ħafna u jaffettwa s-saħħha fi stadju aktar tard tal-ħajja. Is-sensitizzaturi respiratorji jistgħu jwasslu għal żieda fl-ażma **fit-tfulija** u s-sustanzi newrotossiċi huma partikolarment dannużi għall-moħħ tat-tfal li qed jiżviluppa, li hu intrinsikament aktar vulnerabbli għal korriġent tossiku mill-moħħ tal-adulti. *Il-persistenza u l-bijoakkumulazzjoni jwasslu għal esponent kontinwu u għalhekk iżidu rriskju ta' effetti negattivi. Xi sustanzi kimiċi tosseċi huma wkoll mobbli fl-ambjent.* It-tfal jenħtieġ li jkunu protetti kif xieraq mis-sustanzi allerġeniċi u **minn** ċerti metalli. Ir-rekwiżiti għas-sustanzi kimiċi stabbiliti fid-Direttiva 2009/48/KE jeħtieġ *li* jiġu aġġornati u msaħħha. Il-ġugarelli jridu jkunu konformi mal-leġiżlazzjoni ġenerali dwar is-sustanzi kimiċi, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>33</sup>. Biex tingħata aktar protezzjoni lit-tfal, li huma grupp vulnerabbli ta' konsumaturi, u lil persuni oħra, dak il-qafas legali jenħtieġ li jiġi supplimentat bi projbizzjonijiet ġeneriċi **fil-ġugarelli** li jkopru ċerti sustanzi kimiċi perikolużi, kif ikklasseifikati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>34</sup>. Dawk il-projbizzjonijiet ġeneriċi jenħtieġ li japplikaw għas-sustanzi CMR, għall-interferenti endokrinali **għas-saħħha tal-bniedem u tal-ambjent, għas-sensitizzaturi** respiratorji u **għas-sustanzi li jimmiraw** organu spċificu *jew dawk li huma mobbli, persistenti, bijoakkumulattivi u tosseċi li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni jew li huma* kklassifikati bħala perikolużi skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008. **Sabieq tiġi** żgurata s-sikurezza tal-ġugarelli, is-sustanzi pprojbiti jenħtieġ li jkunu aċċettabbli f'livelli ta'

traċċi iżda biss jekk il-preżenza tagħhom f'livelli bħal dawn tkun inevitabbli teknoloġikament bi prattiki tal-manifattura tajba u jekk il-ġugarell ikun sikur.

---

*<sup>33</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).*

*<sup>34</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).*

---

*<sup>33</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).*

*<sup>34</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).*

## Emenda 247

### Proposta għal regolament Premessa 17

*Test propost mill-Kummissjoni*

(17) *Biex tkun prevista flessibbiltà li ma*

*Emenda*

(17) *Meta s-sikurezza tat-tfal ma tkunx*

*tikkompromettix is-sikurezza tat-tfal u meta meħtieġ biex ċerti ġugarelli jsiru disponibbli fis-suq, jenħtieġ li jkun possibbli li ssir deroga mill-projbizzjonijiet ġeneriċi tas-sustanzi kimiċi fil-ġugarelli. Id-derogi għall-projbizzjonijiet ġeneriċi li jippermettu l-użu ta' sustanzi pprojbiti jenħtieġ li jkollhom applikazzjoni ġenerali u jenħtieġ li jkunu possibbli biss meta l-użu tas-sustanza rilevanti jitqies sikur għat-tfal, meta ma jkunx hemm alternattiva vijabbi kummerċjalment għas-sustanza u meta l-użu tas-sustanza ma jkunx ipprojbit fl-oġġetti tal-konsumatur skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Il-valutazzjoni tas-sikurezza tas-sustanza fil-ġugarelli jenħtieġ li ssir mill-kumitati xjentifiċi rilevanti fl-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) biex ikunu żgurati l-konsistenza u l-użu effiċjenti tar-riżorsi fil-valutazzjoni tas-sustanzi kimiċi fl-Unjoni.*

*kompromessa u ma jkunx hemm sustanzi jew tahlillet alternattivi xierqa disponibbli, jista' jkun possibbli li ssir eżenzjoni mill-projbizzjonijiet ġeneriċi tas-sustanzi u t-tahlillet fil-ġugarelli. L-eżenzjonijiet mill-projbizzjonijiet ġeneriċi li jippermettu l-użu ta' sustanzi u tahlillet ipprojbiti jenħtieġ li jkollhom limitu ta' żmien, ikollhom applikazzjoni ġenerali u jenħtieġ li jkunu possibbli biss meta l-użu tas-sustanza jew it-tahlillet rilevanti jitqies sikur għat-tfal, meta l-eliminazzjoni jew is-sostituzzjoni ta' tali sustanzi pprojbiti permezz ta' bidlett fid-disinn jew materjali jew komponenti oħra ma jkun ux teknikament possibbli, meta ma jkunx hemm alternattivi vijabbi teknikament għas-sustanza jew taħlita, meta jkun ġie ppreżentat pjan ta' sostituzzjoni fuq talba tal-ECHA u meta l-użu tas-sustanza jew taħlita ma jkunx ipprojbit fl-oġġetti tal-konsumatur skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Il-valutazzjoni ta' din is-sustanza jenħtieġ li ssir mill-kumitati xjentifiċi rilevanti fl-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) biex ikunu żgurati l-konsistenza u l-użu effiċjenti tar-riżorsi fil-valutazzjoni tas-sustanzi u t-tahlillet fl-Unjoni.*

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 20

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(20) Peress li l-batteriji huma regolati mir-Regolament (UE) .../[OP **please insert serial number for Regulation on batteries and waste batteries**]<sup>35</sup>, ir-rekwiżiti dwar is-sustanzi kimiċi fil-ġugarelli jenħtieġ li ma jkunux japplikaw għall-batteriji inklużi fil-ġugarelli. **Iżda l-ġugarelli** li fihom il-batteriji jenħtieġ li jitfasslu b'tali mod li l-

#### *Emenda*

(20) Peress li l-batteriji huma regolati mir-Regolament (UE) .../[OP **daħħal in-numru tas-serje għar-Regolament dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji]**<sup>35</sup>, ir-rekwiżiti dwar is-sustanzi kimiċi fil-ġugarelli jenħtieġ li ma jkunux japplikaw għall-batteriji inklużi fil-ġugarelli. **Madankollu, il-ġugarelli li jkun** fihom il-

batteriji jkunu diffiċli jiġu aċċessati mit-tfal.

batteriji jenħtieġ li jitfasslu b'tali mod li l-batteriji jkunu diffiċli **biex** jiġu aċċessati mit-tfal. **F'sitwazzjonijiet meta, minħabba l-fattur tan-natura, tad-daqs jew tal-forma tal-ġugarell, jew ta' partijiet elettroniċi żgħar li jkunu jinsabu fih, ma jkunx possibbli li jiġi ddisinjat ġugarell b'mod li l-batterija interna tkun tista' titneħħa u tiġi sostitwita mill-utent finali filwaqt li tiġi żgurata wkoll is-sikurezza tat-tfal u l-użu kontinwu sikur tal-ġugarell, il-ġugarell jista' jiġi ddisinjat b'mod li l-batterija tkun tista' titneħħa u tiġi sostitwita biss minn operaturi indipendenti.**

---

<sup>35</sup>[OP please insert in the text the number of the Regulation .... and insert the number, date, title and OJ reference of that Regulation in the footnote.]

<sup>35</sup> OP: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tat-test tar-Regolament .... u daħħal in-numru, id-data, it-titlu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

## Emenda 248 Proposta għal regolament Premessa 21

### *Test propost mill-Kummissjoni*

(21) Il-limiti eżistenti għal ċerti sustanzi kimiċi u l-metodi tal-ittestjar korrispondenti tagħhom urew li huma xierqa għall-protezzjoni tat-tfal fir-rigward ta' dawk is-sustanzi u jenħtieġ li jinżammu. Biex tadatta għal għarfien xjentifiku ġdid, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tirrevedi dawk il-limiti meta meħtieġ. Il-limiti għall-arseniku, **il-kadmu, il-kromu VI, iċ-ċomb, il-merkurju** u l-landa organika, li huma partikolarmen tħalli u li għalhekk jenħtieġ li ma jintużawx intenzjonalment fil-ġugarelli, jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'nofs il-valuri li jitqiesu sikuri mill-korp xjentifiku rilevanti, biex ikun żgurat li l-ġugarelli jkollhom biss traċċi u jkunu

### *Emenda*

(21) Il-limiti eżistenti għal ċerti sustanzi kimiċi u l-metodi tal-ittestjar korrispondenti tagħhom urew li huma xierqa għall-protezzjoni tat-tfal fir-rigward ta' dawk is-sustanzi u jenħtieġ li jinżammu. Biex tadatta għal għarfien xjentifiku ġdid, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tirrevedi dawk il-limiti meta meħtieġ, **f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni u l-approċċ “saħħa waħda”**. Il-limiti għall-arseniku u l-landa organika, li huma partikolarmen tħalli u li għalhekk jenħtieġ li ma jintużawx intenzjonalment fil-ġugarelli, jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'nofs il-valuri li jitqiesu sikuri mill-korp xjentifiku rilevanti biex ikun żgurat li l-ġugarelli jkollhom biss traċċi u jkunu

kompatibbli ma' prattika tajba tal-manifattura.

kompatibbli ma' prattika tajba tal-manifattura. *L-użu tal-kromu VI, il-kadmju, il-merkurju u ċ-ċomb, elementi tossiċi ħafna, jenħtieġ li ma jkunx permess fil-ġugarelli, sakemm il-preżenza tagħhom ma tkunx teknikament inevitabbi skont prattika tajba tal-manifattura u r-residwi tagħhom ma jaqbżux il-limitu ta' deteżżjoni fil-materjal omoġenju.*

**Emenda 249**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 21a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(21a) Iċ-ċomb huwa metall tossiku li jinsab fin-natura u li jista' jikkawża kanċer tal-pulmun, tal-moħħ, tal-istonku u tal-kliewi fil-bnedmin. Jista' jidħol fl-ilma tax-xorb meta materjali tal-plumbing li fihom iċ-ċomb jikkorrodaw, speċjalment meta l-ilma jkollu aċċidità għolja jew kontenut minerali baxx li jikkorroda l-pajpijet u t-tagħmir. Id-Direttiva (UE) 2020/2184<sup>1a</sup> tistabbilixxi dispożizzjonijiet fir-rigward tal-kontenut taċ-ċomb fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Għalhekk ma jistax jiġi eskluż li ġugarelli manifatturati bl-użu tal-ilma jista' jkun fihom residwi minimi ta' ċomb minħabba l-ilma użat fil-proċess tal-manifattura. Tali residwi jenħtieġ li jitqiesu bħala teknikament inevitabbi skont il-prattika tajba tal-manifattura fejn ma jkun possibbli li jiġu eliminati permezz ta' metodi ta' filtrazzjoni jew assorbiment disponibbli.*

---

<sup>1a</sup> *Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformalazzjoni), ĠU L 435, 23.12.2020,*

## Emenda 9

### Proposta għal regolament

#### Premessa 22a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(22a) Is-sustanzi per- u polifluworoalkilati (PFASs) huma familja kbira ta' aktar minn 10 000 sustanza kimika magħmula mill-bniedem. Minn meta tfaċċaw fl-aħħar tas-snin erbgħin, il-PFASs intużaw f'firxa dejjem tikber ta' prodotti għall-konsumatur. L-esponiment għall-PFASs l-aktar studjati ġie assoċjat ma' firxa ta' effetti negattivi għas-saħħha, inklużi mard tat-tirojde, ħsara fil-fwied, obeżitā, dijabete u rispons imnaqqas għal-vacċċinazzjonijiet ta' rutina, kif ukoll riskju akbar ta' kanċer tas-sider, tal-kliewi u tat-testikoli. Jenħtieġ li l-ġugarelli ma jkun fihom l-ebda sustanza per- u polifluworoalkilata (PFAS).*

## Emenda 10

### Proposta għal regolament

#### Premessa 24

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(24) Meta l-perikli maħluqa minn ġugarell ma jkunux jistgħu jiġu indirizzati għalkollox mid-disinn, ir-riskju residwu jenħtieġ li jiġi indirizzat b'informazzjoni relatata mal-prodott indirizzata lis-superviżuri tat-tfal fil-forma ta' twissijiet, filwaqt li titqies il-kapaċità li dawk is-superviżuri jieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa.

(24) Meta l-perikli maħluqa minn ġugarell ma jkunux jistgħu jiġu indirizzati għalkollox mid-disinn, ir-riskju residwu jenħtieġ li jiġi indirizzat b'informazzjoni relatata mal-prodott indirizzata lis-superviżuri tat-tfal fil-forma ta' twissijiet, filwaqt li titqies il-kapaċità li dawk is-superviżuri jieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa. **Sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni tintwera b'mod**

*effiċjenti, il-manifattur jista' jżid kodiċi QR li jiprovo link għall-istruzzjoni f'format digħi, iżda jenħtieġ li dejjem jimmarrka t-twissijiet fuq il-ġugarell, fuq tikketta mwaħħla jew fuq l-imballaġġ.*

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Premessa 25

*Test propos mill-Kummissjoni*

(25) Biex **ikun** evitat l-użu ħażin tat-twissijiet u jiġu **ċirkumviżi** r-rekwiżiti tas-sikurezza applikabbli, it-twissijiet **previsti** għal ċerti kategoriji tal-ġugarelli jenħtieġ li ma jiġux permessi jekk ikunu f'kunflitt mal-użu maħsub **tal-ġugarelli**. Biex **ikun** żgurat li s-superviżuri jkunu **jafu b'kull** riskju assoċjat **mal-ġugarelli**, jeħtieġ **ikun** żgurat li t-twissijiet ikunu **leġibbli** u viżibbli.

*Emenda*

(25) Biex **jiġi** evitat l-użu ħażin tat-twissijiet **bixx** jiġu **evitati** r-rekwiżiti tas-sikurezza applikabbli, it-twissijiet **provdu** għal ċerti kategoriji tal-ġugarelli jenħtieġ li ma jiġux permessi jekk ikunu f'kunflitt mal-użu maħsub **tal-ġugarelli**. Biex **jiġi** żgurat li s-superviżuri jkunu **konxji minn kwalunkwe** riskju assoċjat **mal-ġugarell**, jeħtieġ **li jiġi** żgurat li t-twissijiet ikunu **jinftiehmu, leġġibbli b'mod ċar**.

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Premessa 25a (ġdida)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(25a) Biex tiġi żgurata s-sensibilizzazzjoni dwar kwalunkwe riskju assoċjat mal-ġugarell, speċjalment f'każijiet meta x-xiri jsir permezz ta' bejgħ mill-bogħod u bejgħ online, jenħtieġ li jiġi żgurat li t-twissijiet online jkunu leġġibbli b'mod ċar u viżibbli immedjatamente.**

## Emenda 13

### Proposta għal regolament

#### Premessa 32

*Test proposet mill-Kummissjoni*

(32) L-operaturi ekonomiċi li jintervjenu fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni jenħtieġ li jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-ġugarelli li jqiegħdu fis-suq ma **jipperikolawx is-sikurezza u s-saħħa** tat-tfal f'kundizzjonijiet ta' użu normali u raġonevolment prevedibbli, u li **jagħmlu disponibbli** fis-suq biss ġugarelli li jkunu konformi mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

*Emenda*

(32) L-operaturi ekonomiċi li jintervjenu fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni jenħtieġ li jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-ġugarelli li jqiegħdu fis-suq ma **joħolqu riskji għas-sikurezza u għas-saħħa** tat-tfal f'kundizzjonijiet ta' użu normali u raġonevolment prevedibbli, u li **jqiegħdu għad-dispożizzjoni** fis-suq biss ġugarelli li jkunu konformi mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

## Emenda 14

### Proposta għal regolament

#### Premessa 37

*Test proposet mill-Kummissjoni*

(37) **L-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu** ġugarell fis-suq **f'isimhom** jew bit-trademark **tagħhom** jew li **jimmodifikaw** ġugarell b'tali mod li tista' tīgi affettwata l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li  **jitqiesu** li  **huma manifatturi** u jenħtieġ li  **jassumu** l-obbligi **tal-manifatturi**.

*Emenda*

(37) **Kwalunkwe persuna fiziċka jew ġuridika** li **tqiegħed** ġugarell fis-suq **f'isimha** jew bit-trademark **tagħha stess** jew li **timmodifika** ġugarell b'tali mod li tista' tīgi affettwata l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li  **titqies** li  **hija manifattur għall-finijiet ta'** **dan ir-Regolament** u jenħtieġ li  **tassumi** l-obbligi **tal-manifatturi**.

## Emenda 15

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 37a (ġdida)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(37a) Is-swieg online jaqdu rwol kruċjali fil-katina tal-provvista, filwaqt li jippermettu lill-operaturi ekonomiċi jilħqu ġħadd kbir ta' klijenti. Minħabba r-rwol importanti tagħhom fl-intermedjazzjoni tal-bejgħ ta' ġugarelli bejn l-operaturi ekonomiċi u l-klijenti, is-swieg online jenħtieġ li jassumu r-responsabbiltà li jindirizzaw il-bejgħ ta' ġugarelli li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u jenħtieġ li jikkooperaw mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tiprovd i-l-qafas ġenerali għall-kummerċ elettroniku u tistabbilixxi ċerti obbligi għall-pjattaformi online. Ir-Regolament (UE) 2022/2065 jirregola r-responsabbiltà u l-akkontabbiltà tal-fornituri tas-servizzi intermedjarji online fir-rigward ta' kontenut illegali, inklużi prodotti li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament.**

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 38**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(38) L-iżgurar tat-traċċabbiltà ta' ġugarell fil-katina kollha tal-provvista jgħin biex is-sorveljanza tas-suq tkun aktar sempliċi u effiċjenti. Sistema effiċjenti tat-traċċabbiltà tħaffef ix-xogħol tal-

(38) L-iżgurar tat-traċċabbiltà ta' ġugarell fil-katina kollha tal-provvista , **f'konformità mar-Regolament 2023/988**, jgħin biex is-sorveljanza tas-suq tkun aktar sempliċi u effiċjenti. Sistema effiċjenti tat-

awtoritajiet tas-sorveljanza biex ***jittacċċaw*** lill-operaturi ekonomiċi li għamlu ġugarelli mhux konformi disponibbli fis-suq.

traċċabbiltà tħaffef ix-xogħol tal-awtoritajiet tas-sorveljanza biex ***jittacċċaw*** lill-operaturi ekonomiċi li ***jkunu qiegħdu*** ġugarelli mhux konformi ***għad-dispożizzjoni*** fis-suq.

## Emenda 17

### Proposta għal regolament

#### Premessa 39

##### *Test propos mill-Kummissjoni*

(39) Biex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, jeħtieġ tiġi prevista preżunzjoni ***tal-konformità*** għall-ġugarelli konformi mal-istandard armonizzati li jiġu adottati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>36</sup> u ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

##### *Emenda*

(39) Biex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, jeħtieġ *li* tiġi prevista preżunzjoni ***ta' konformità*** għall-ġugarelli ***li jkunu*** konformi mal-istandard armonizzati ***applikabbi*** li jiġu adottati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>36</sup> u ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

---

<sup>36</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

---

<sup>36</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

## Emenda 18

## Proposta għal regolament

### Premessa 40

#### *Test propos mill-Kummissjoni*

(40) Fin-nuqqas ta' standards armonizzati rilevanti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' **implementazzjoni li** jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni għar-rekwiżiti essenzjali ta' dan ir-Regolament, diment li meta tagħmel dan tirrispetta kif xieraq ir-rwol u l-funzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni, bħala soluzzjoni eċċezzjonali ta' riżerva biex jiġi ffaċilitat l-obbligu tal-manifattur li jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali, meta l-proċess tal-istandardizzazzjoni jiġi mblukkew jew meta jkun hemm dewmien fl-istabbiliment tal-standards armonizzati xierqa.

#### *Emenda*

(40) Fin-nuqqas ta' standards armonizzati rilevanti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' **delega li jissupplementaw dan ir-Regolament billi** jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni għar-rekwiżiti **tas-sikurezza** essenzjali ta' dan ir-Regolament, diment li meta tagħmel dan tirrispetta kif xieraq ir-rwol u l-funzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni, bħala soluzzjoni eċċezzjonali ta' riżerva biex jiġi ffaċilitat l-obbligu tal-manifattur li jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali, meta l-proċess tal-istandardizzazzjoni jiġi mblukkew jew meta jkun hemm dewmien fl-istabbiliment tal-standards armonizzati xierqa.

### Emenda 19

## Proposta għal regolament

### Premessa 42

#### *Test propos mill-Kummissjoni*

(42) Il-manifatturi jenħtieġ li joħolqu passaport tal-prodotti biex jipprovdu informazzjoni dwar il-konformità tal-ġugarelli ma' dan ir-Regolament u ma' **kull leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ġugarelli. Il-passaport tal-prodotti jenħtieġ li jissostitwixxi d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE skont id-Direttiva 2009/48/KE u jinkludi l-elementi meħtieġa biex tīgħi vvalutata l-konformità tal-ġugarelli mar-rekwiżiti applikabbli u mal-**

#### *Emenda*

(42) Il-manifatturi jenħtieġ li joħolqu passaport **diġitali** tal-prodotti biex jipprovdu informazzjoni dwar il-konformità tal-ġugarelli ma' dan ir-Regolament u ma' **kwalunkwe** leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ġugarelli. **Jenħtieġ li jżommu l-passaport diġitali tal-prodotti aġġornat skont l-aħjar sforzi raġonevoli u jagħmlu kwalunkwe bidla meħtieġa meta jkun meħtieġ. Il-passaport **diġitali** tal-prodotti jenħtieġ li jissostitwixxi d-**

istandardi armonizzati jew ma' speċifikazzjonijiet oħra. ***Biex*** jiġu ffaċilitati l-kontrolli fuq il-ġugarelli mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u biex l-atturi fil-katina tal-provvista u l-konsumaturi jkunu jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni ***dwar il-ġugarell***, l-informazzjoni fuq il-passaport tal-prodotti jenħtieġ li tingħata b'mod diġitali u b'mod aċċessibbli direttament, ***bi*** trasportatur tad-data mwaħħal mal-ġugarell, mal-imballaġġ tiegħu jew mad-dokumentazzjoni mogħtija miegħu. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, l-awtoritajiet doganali, l-operaturi ekonomiċi u l-konsumaturi jenħtieġ li jkollhom aċċess immedjat għall-informazzjoni ***dwar il-ġugarelli bit-trasportatur*** tad-data.

dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE skont id-Direttiva 2009/48/KE, ***id-Direttiva 2014/53/UE u kwalunkwe leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ġugarelli. Jenħtieġ li jinkludi wkoll*** l-elementi meħtieġa biex tiġi vvalutata l-konformità tal-ġugarelli mar-rekwiżiti applikabbli u mal-istandardi armonizzati jew ma' speċifikazzjonijiet ***jew elementi*** oħra. ***Sabiex*** jiġu ffaċilitati l-kontrolli fuq il-ġugarelli mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u biex l-atturi fil-katina tal-provvista u l-konsumaturi jkunu jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni ***fuq il-ġugarell u fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni***, l-informazzjoni fuq il-passaport ***diġitali*** tal-prodotti jenħtieġ li tingħata b'mod diġitali u b'mod aċċessibbli direttament, ***permezz ta'*** trasportatur tad-data mwaħħal mal-ġugarell, mal-imballaġġ tiegħu jew mad-dokumentazzjoni mogħtija miegħu. ***Skont id-drittijiet tal-aċċess***, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, l-awtoritajiet doganali, l-operaturi ekonomiċi u l-konsumaturi jenħtieġ li jkollhom aċċess immedjat għall-informazzjoni ***rispettiva fuq il-ġugarell permezz ta'* trasportatur** tad-data.

## Emenda 20

### Proposta għal regolament

#### Premessa 43

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(43) Biex tkun evitata d-duplikazzjoni tal-investiment fid-diġitalizzazzjoni mill-atturi kollha involuti, inkluż il-manifatturi, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet doganali, meta leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni tkun teżiġi passaport tal-prodotti għall-ġugarelli, jenħtieġ li jkun hemm passaport tal-prodotti uniku li jkun

##### *Emenda*

(43) Biex tkun evitata d-duplikazzjoni tal-investiment fid-diġitalizzazzjoni mill-atturi kollha involuti, inkluż il-manifatturi, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet doganali, meta leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni tkun teżiġi passaport tal-prodotti għall-ġugarelli, jenħtieġ li jkun hemm passaport tal-prodotti uniku li jkun

fih l-informazzjoni meħtieġa skont dan ir-Regolament u l-leġiżlazzjoni l-oħra tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-passaport tal-prodotti jenħtieġ li jkun interoperabbi għalkollox ma' kull passaport tal-prodotti meħtieġ skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

fih l-informazzjoni meħtieġa skont dan ir-Regolament u l-leġiżlazzjoni l-oħra tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-passaport **diġitali** tal-prodotti jenħtieġ li jkun interoperabbi għalkollox ma' kull passaport tal-prodotti meħtieġ skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

## Emenda 21

### Proposta għal regolament

#### Premessa 44

##### *Test propos mill-Kummissjoni*

(44) B'mod partikolari, ir-Regolament (UE) .../... [OP **please insert serial number for the Regulation on ecodesign requirements for sustainable products**] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>37</sup> jistabbilixxi wkoll rekwiżiti u spċifikazzjonijiet tekniċi għal passaport tal-prodotti, l-istabbiliment ta' reġistru ċentrali tal-Kummissjoni biex tinħażen l-informazzjoni **dwar il-passaporti** u l-interkonnessjoni ta' dak ir-reġistru mas-sistemi tal-IT doganali. Dak ir-Regolament jista' jinkludi l-ġugarelli fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu fiż-żmien medju, u b'hekk jeżiġi li għall-ġugarelli jkun hemm disponibbli passaport diġitali tal-prodotti. Għalhekk jenħtieġ li fil-futur **tista' tista'** tiġi inkluża informazzjoni aktar preċiża fil-passaport tal-prodotti, **b'mod partikolari informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà ambjentali, bħall-impronta ambjentali ta' prodott, informazzjoni utli għal skopijiet tar-riċiklaġġ, il-kontenut riċiklat ta' ċertu materjal, informazzjoni dwar il-katina tal-provvista, u informazzjoni simili oħra.** Għalhekk, il-passaport tal-prodotti għall-ġugarelli maħluq skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkonforma mal-istess rekwiżiti

##### *Emenda*

(44) B'mod partikolari, ir-Regolament (UE) .../... [OP **jekk jogħġgbok daħħal in-numru tas-serje għar-Regolament dwar l-ekodisinn għal prodotti sostenibbli**] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>37</sup> jistabbilixxi wkoll rekwiżiti u spċifikazzjoni tekniċi għal passaport **diġitali** tal-prodotti, l-istabbiliment ta' reġistru ċentrali tal-Kummissjoni biex tinħażen l-informazzjoni **tal-passaporti** u l-interkonnessjoni ta' dak ir-reġistru mas-sistemi tal-IT doganali. Dak ir-Regolament jista' jinkludi l-ġugarelli fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu fiż-żmien medju, u b'hekk **ikun** jeżiġi li għall-ġugarelli jkun hemm disponibbli passaport diġitali tal-prodotti. Għalhekk, jenħtieġ li fil-futur **ikun possibbli li** tiġi inkluża informazzjoni aktar preċiża fil-passaport **diġitali** tal-prodotti. Għalhekk, il-passaport **diġitali** tal-prodotti għall-ġugarelli maħluq skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkonforma mal-istess rekwiżiti u elementi tekniċi bħal dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) .../... [OP **jekk jogħġgbok daħħal in-numru tas-serje għar-Regolament dwar l-ekodisinn għal prodotti sostenibbli**], **inklużi** l-aspetti tekniċi, semantiċi u organizazzattivi tal-

u elementi tekniċi bħal dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) .../... [OP ***please insert serial number for the Regulation on ecodesign requirements for sustainable products***], inkluż l-aspetti tekniċi, semantiċi u organizazzjoni minn tarf sa tarf u tal-komunikazzjoni minn tarf sa tarf u tal-iskambju tad-data.

---

***<sup>37</sup> [OP please insert in the text the number of the Regulation establishing a framework for setting ecodesign requirements for sustainable products and repealing Directive 2009/125/EC.... and insert the number, date, title and OJ reference of that Regulation in the footnote.]***

komunikazzjoni minn tarf sa tarf u tal-iskambju tad-data.

---

***<sup>37</sup> [OP jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jistabbilixxi qafas għall-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE.... u daħħal in-numru, id-data, it-titlu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.]***

## Emenda 22

### Proposta għal regolament

#### Premessa 45

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(45) Peress li l-passaport tal-prodotti jissostitwixxi d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE, hu kruċjali li jiġi ċċarat li bil-ħolqien tal-passaport tal-prodotti għall-ġugarell u bit-twaħħil tal-markatura CE, il-manifattur ikun qed jiddikjara li l-ġugarell hu konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u li l-manifattur jerfa' r-responsabbiltà kollha ***tiegħu***.

##### *Emenda*

(45) Peress li l-passaport ***digital*** tal-prodotti ***jrid*** jissostitwixxi d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE, hu kruċjali li jiġi ċċarat li bil-ħolqien tal-passaport ***diġitali*** tal-prodotti għall-ġugarell u bit-twaħħil tal-markatura CE, il-manifattur ikun qed jiddikjara li l-ġugarell hu konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u li l-manifattur jerfa' r-responsabbiltà kollha ***marbuta miegħu***.

## Emenda 23

## Proposta għal regolament

### Premessa 46

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(46) Meta informazzjoni oħra, għajr l-elementi meħtieġa għall-passaport tal-prodotti, tingħata b'mod digħiġi, jeħtieġ jiġi ċċarat li t-tipi differenti ta' informazzjoni **jridu** jingħataw b'mod separat u distinti b'mod ċar minn xulxin iżda **bi** trasportatur tad-data uniku. Dan se jiffaċilita l-ħidma tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iżda jipprovd wkoll ċarezza lill-konsumaturi rigward it-tipi differenti ta' informazzjoni disponibbli għalihom **bil-format** digħiġi.

#### *Emenda*

(46) Meta informazzjoni oħra, għajr l-elementi meħtieġa għall-passaport **digital**-prodotti, tingħata b'mod digħiġi, jeħtieġ **li** jiġi ċċarat li t-tipi differenti ta' informazzjoni **jeħtieġ li** jingħataw b'mod separat u distinti b'mod ċar minn xulxin iżda **permezz ta'** trasportatur tad-data uniku. Dan se jiffaċilita l-ħidma tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iżda jipprovd wkoll ċarezza lill-konsumaturi rigward it-tipi differenti ta' informazzjoni disponibbli għalihom **f'format** digħiġi.

### Emenda 24

## Proposta għal regolament

### Premessa 46a (ġdida)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**(46a) Il-maġġoranza tal-manifatturi tal-ġugarelli soġġetti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament huma intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs), li għalihom it-tfassil ta' passaport digħiġi tal-prodotti huwa sfida sinifikanti minn perspettiva amministrattiva u operazzjonali. Għalhekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiprovd lill-SMEs b'appyoġġ addizzjonal sabiex tassistihom jikkonformaw mar-rekwiżiti l-ġoddha stabbiliti f'dan ir-Regolament. Għal dan il-ġhan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tippubblika linji gwida prattiċi u gwida mfassla apposta għall-SMEs. B'mod partikolari jenħtieġ li jiġi stabbilit mezz**

*dirett ta' komunikazzjoni mal-experti biex jgħinhom iwettqu valutazzjonijiet tas-sikurezza u jistabbilixxu passaport diġitali tal-prodotti għall-ġugarelli li jipproduċu.*

## Emenda 25

### Proposta għal regolament

#### Premessa 48

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(48) Minbarra l-qafas tal-kontrolli stabbilit fil-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2019/1020, l-awtoritajiet doganali jenħtieġ li jkunu jistgħu jivverifikaw awtomatikament li jeżisti passaport tal-prodotti għall-ġugarelli importati soġġetti għal dan ir-Regolament biex isaħħu l-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni u jevitaw li ġugarelli mhux konformi jidħlu fis-suq tal-Unjoni.

##### *Emenda*

(48) Minbarra l-qafas tal-kontrolli stabbilit fil-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2019/1020, l-awtoritajiet doganali jenħtieġ li jkunu jistgħu jivverifikaw awtomatikament li jeżisti passaport **diġitali** tal-prodotti għall-ġugarelli importati soġġetti għal dan ir-Regolament biex isaħħu l-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni u jevitaw li ġugarelli mhux konformi jidħlu fis-suq tal-Unjoni.

## Emenda 26

### Proposta għal regolament

#### Premessa 49

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(49) Meta l-ġugarelli li jkunu ġejjin minn pajiżi terzi jitqiegħdu fil-proċedura doganali tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, ir-referenza **għall-passaport** tal-prodotti **ta'** dawk il-ġugarelli jenħtieġ li ssir disponibbli għall-awtoritajiet doganali mill-operatur ekonomiku. Ir-referenza għall-passaport tal-prodotti jenħtieġ li tkun

##### *Emenda*

(49) Meta l-ġugarelli li jkunu ġejjin minn pajiżi terzi jitqiegħdu fil-proċedura doganali tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, ir-referenza **għal passaport diġitali** tal-prodotti **għal** dawk il-ġugarelli jenħtieġ li ssir disponibbli għall-awtoritajiet doganali mill-operatur ekonomiku. Ir-referenza għall-passaport **diġitali** tal-

tikkorispondi għal identifikatur uniku tal-prodott li jinħażen fir-reġistru ***tal-passaport*** tal-prodotti stabbilit skont l-Artikolu 12 ta' [OP ***please insert serial number for Regulation (EU) .../... on Ecodesign Requirements for Sustainable Products***] (“ir-reġistru”). L-awtoritajiet doganali jenħtieġ li jwettqu verifika awtomatika tal-passaport tal-prodotti ppreżentat għal dak il-ġugarell biex jiżguraw li għaċ-ċirkolazzjoni libera jiġu rilaxxati biss il-ġugarelli li jkollhom referenza valida għal identifikatur uniku tal-prodott kif inkluż fir-reġistru. Biex issir dik il-verifika awtomatika, jenħtieġ li tintuża l-interkonnessjoni bejn ir-reġistru u s-sistemi tal-IT doganali kif previst fl-[Artikolu 13 tar-Regolament (UE) .../... dwar ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli].

prodotti jenħtieġ li tkun tikkorispondi għal identifikatur uniku tal-prodott li jinħażen fir-reġistru ***tal-passaporti*** tal-prodotti stabbilit skont l-Artikolu 12 ta' [OP ***jekk jogħġibok daħħal in-numru tas-serje għar-Regolament (UE) .../... dwar ir-Rekwiżiti tal-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli***] (“ir-reġistru”). L-awtoritajiet doganali jenħtieġ li jwettqu verifika awtomatika tal-passaport tal-prodotti ppreżentat għal dak il-ġugarell biex jiżguraw li għaċ-ċirkolazzjoni libera jiġu rilaxxati biss il-ġugarelli li jkollhom referenza valida għal identifikatur uniku tal-prodott kif inkluż fir-reġistru. Biex issir dik il-verifika awtomatika, jenħtieġ li tintuża l-interkonnessjoni bejn ir-reġistru u s-sistemi tal-IT doganali kif previst fl-[Artikolu 13 tar-Regolament (UE) .../... dwar ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli].

## Emenda 27

### Proposta għal regolament Premessa 51

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(51) L-informazzjoni inkluża fil-passaport tal-prodotti tippermetti lill-awtoritajiet doganali jagħnu u jiffaċilitaw il-ġestjoni tar-riskji u tippermetti ***I-immirar aħjar tal-kontrolli*** fil-fruntieri esterni tal-Unjoni. Għalhekk, l-awtoritajiet doganali jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà jiksbu u jużaw l-informazzjoni inkluża fil-passaport tal-prodotti u fir-reġistru biex iwettqu l-kompli tagħhom skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, inkluż għall-ġestjoni tar-riskji f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

#### *Emenda*

(51) L-informazzjoni inkluża fil-passaport ***diġitali*** tal-prodotti tippermetti lill-awtoritajiet doganali jagħnu u jiffaċilitaw il-ġestjoni tar-riskji u tippermetti ***kontrolli aktar immirati*** fil-fruntieri esterni tal-Unjoni. Għalhekk, l-awtoritajiet doganali jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà jiksbu u jużaw l-informazzjoni inkluża fil-passaport ***diġitali*** tal-prodotti u fir-reġistru biex iwettqu l-kompli tagħhom skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, inkluż għall-ġestjoni tar-riskji f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

## Emenda 28

### Proposta għal regolament

#### Premessa 52

*Test propos mill-Kummissjoni*

(52) **Jixraq** tīgi prevista l-pubblikazzjoni ta' avviż f'Il-Ġurnal Uffiċċiali tal-Unjoni Ewropea li jindika d-data meta l-interkonnessjoni bejn ir-reġistru u s-Sistema ta' Skambju **taċ-Ċertifikati** tat-Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana msemmija fl-Artikolu 13 ta' [OP **please insert serial number for Regulation (EU) .../... on Ecodesign Requirements for Sustainable Products**] issir operattiva biex jiġi ffaċilitat l-aċċess pubbliku għal dik l-informazzjoni.

*Emenda*

(52) **Xieraq li** tīgi prevista l-pubblikazzjoni ta' avviż f'Il-Ġurnal Uffiċċiali tal-Unjoni Ewropea li jindika d-data meta l-interkonnessjoni bejn ir-reġistru u s-Sistema ta' Skambju **ta’ Ċertifikati** tat-Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana msemmija fl-Artikolu 13 ta' [OP **jekk jogħġibok daħħal in-numru tas-serje għar-Regolament (UE) .../... dwar ir-Rekwiżiti tal-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli**] issir operattiva biex jiġi ffaċilitat l-aċċess pubbliku għal dik l-informazzjoni. **Jenħtieġ li tiġi pprovduta pubblikazzjoni simili f'każ li jsiru operazzjonali sistemi oħra tal-IT tal-UE għad-dwana.**

## Emenda 29

### Proposta għal regolament

#### Premessa 53

*Test propos mill-Kummissjoni*

(53) Jenħtieġ li l-verifika awtomatika mid-dwana tar-referenza tal-passaport tal-prodotti għall-ġugarelli li jidħlu fis-suq tal-Unjoni ma tħux post jew timmodifika r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iżda **tikkumplimenta** biss il-qafas ġenerali tal-kontrolli fuq il-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni. Ir-

*Emenda*

(53) Jenħtieġ li l-verifika awtomatika mid-dwana tar-referenza tal-passaport **digħiġi** tal-prodotti għall-ġugarelli li jidħlu fis-suq tal-Unjoni ma tħux post jew timmodifika r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iżda **tikkomplementa** biss il-qafas ġenerali tal-kontrolli fuq il-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni. Ir-

Regolament (UE) 2019/1020 jenħtieġ li jkompli japplika għall-ġugarelli biex ikun żgurat li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iwettqu kontrolli tal-informazzjoni li tinsab fil-passaporti tal-prodotti, iwettqu kontrolli fuq il-ġugarelli fis-suq f'konformità ma' dak ir-Regolament u, f'każ ta' sospensjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera mill-awtoritajiet deżinjati għall-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, jiddeterminaw il-konformità u r-riskji tal-ġugarelli skont il-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2019/1020.

Regolament (UE) 2019/1020 jenħtieġ li jkompli japplika għall-ġugarelli biex ikun żgurat li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iwettqu kontrolli tal-informazzjoni li tinsab fil-passaporti tal-prodotti, iwettqu kontrolli fuq il-ġugarelli fis-suq f'konformità ma' dak ir-Regolament u, f'każ ta' sospensjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera mill-awtoritajiet deżinjati għall-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, jiddeterminaw il-konformità u r-riskji tal-ġugarelli skont il-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2019/1020.

## Emenda 250

### Proposta għal regolament

#### Premessa 54

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(54) It-tfal jiġu esposti kuljum għal firxa wiesgħha ta' sustanzi kimiċi differenti li joriġinaw minn diversi sorsi. Sar progress sinifikanti biex jixxejnu xi lakuni fl-gharfiem dwar l-impatt tal-effett ikkombinat ta' dawk is-sustanzi kimiċi. Iżda **s-sikurezza** tas-sustanzi kimiċi normalment tiġi vvalutata bl-evalwazzjoni ta' sustanzi waħdanija u xi drabi ta' taħlilit miżjudha intenzjonalment għal użi partikolari. Biex tinkiseb l-akbar protezzjoni tat-tfal, l-aktar sustanzi dannużi jenħtieġ li jiġu ġeneralment ipprojbiti fil-ġugarelli biex ikun żgurat li ma jkunx hemm esponiment għalihom fil-ġugarelli. Il-limiti spċċifici għas-sustanzi kimiċi fil-ġugarelli jenħtieġ li jqis u l-esponiment ikkombinat minn sorsi differenti għall-istess sustanza kimika. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-manifatturi jintalbu jwettqu analiżi tal-perikli varji li l-ġugarell jista' joħloq u valutazzjoni tal-esponiment potenzjali għal tali perikli u, bħala parti mill-valutazzjoni tal-perikli kimiċi, iqis u l-effetti kumulativi jew sinerġetiċi magħrufa tas-sustanzi kimiċi preżenti fil-ġugarell,

#### *Emenda*

(54) It-tfal jiġu esposti kuljum għal firxa wiesgħha ta' sustanzi kimiċi differenti li joriġinaw minn diversi sorsi **li għandhom effetti negattivi bħala sustanzi jew taħlilitet individwali, iżda wkoll permezz ta' esponiment ikkombinat**. Sar progress sinifikanti biex jixxejnu xi lakuni fl-gharfiem dwar l-impatt tal-effett ikkombinat ta' dawk is-sustanzi kimiċi. Iżda **attwallement, is-sikurezza** tas-sustanzi kimiċi normalment tiġi vvalutata bl-evalwazzjoni ta' sustanzi waħdanija u xi drabi ta' taħlilit miżjudha intenzjonalment għal użi partikolari. **Huma meħtieġa aktar sforzi biex wieħed jifhem aħjar l-impatt tal-effett ikkombinat tas-sustanzi kimiċi**. Biex tinkiseb l-akbar protezzjoni tat-tfal u **tal-ambjent b'mod ġenerali**, l-aktar sustanzi dannużi jenħtieġ li jiġu ġeneralment ipprojbiti fil-ġugarelli biex ikun żgurat li ma jkunx hemm esponiment għalihom fil-ġugarelli. Il-limiti spċċifici għas-sustanzi kimiċi fil-ġugarelli jenħtieġ li jqis u l-esponiment ikkombinat minn sorsi differenti għall-istess sustanza kimika. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-manifatturi

biex ikun żgurat li jitqiesu r-riskji mill-esponiment simultanju għal bosta sustanzi kimiċi. Barra minn hekk, il-ġugarelli jridu jkunu konformi mal-leġiżlazzjoni ġenerali dwar is-sustanzi kimiċi, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; dan ir-Regolament ma jimmodifikax l-obbligi tal-valutazzjoni tas-sikurezza tas-sustanzi jew tat-taħlillet kimiċi nfushom li jistgħu jkunu applikabbi f'konformità ma' dak ir-Regolament.

jintalbu jwettqu analiżi tal-perikli varji li l-ġugarell jista' joħloq u valutazzjoni tal-esponiment potenzjali għal tali perikli u, bħala parti mill-valutazzjoni tal-perikli kimiċi, iqis u l-effetti kumulattivi jew sinerġetiċi magħrufa tas-sustanzi kimiċi preżenti fil-ġugarell, biex ikun żgurat li jitqiesu r-riskji mill-esponiment simultanju għal bosta sustanzi kimiċi. Barra minn hekk, il-ġugarelli jridu jkunu konformi mal-leġiżlazzjoni ġenerali dwar is-sustanzi kimiċi, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; dan ir-Regolament ma jimmodifikax l-obbligi tal-valutazzjoni tas-sikurezza tas-sustanzi jew tat-taħlillet kimiċi nfushom li jistgħu jkunu applikabbi f'konformità ma' dak ir-Regolament.

### **Emenda 30** **Proposta għal regolament** **Premessa 54a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(54a) Sabiex jiġu pprovduti għarfien espert, appoġġ u evalwazzjonijiet xjentifiċi bir-reqqa adegwati, jenħtieġ li jiġi żgurat finanzjament xieraq u stabbli għall-ECHA.*

### **Emenda 31**

### **Proposta għal regolament** **Premessa 58**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(58) Jekk korp tal-valutazzjoni tal-konformità juri konformità mal-kriterji stabbiliti fl-istandardi armonizzati,

(58) Jekk korp tal-valutazzjoni tal-konformità juri konformità **tal-ġugarell** mal-kriterji stabbiliti fl-istandardi

jenħtieġ li ***jkun*** preżunt li ***dan*** jikkonforma mar-rekwiżiti korrispondenti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

armonizzati, jenħtieġ li ***I-ġugarell ikun*** preżunt li jikkonforma mar-rekwiżiti korrispondenti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

## Emenda 32

### Proposta għal regolament Premessa 67a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(67a) Skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2023/988, il-manifatturi huma meħtieġa jinnotifikaw, permezz tas-Safety Business Gateway, dwar kwalunkwe okkorrenza ta' korriġent li jirriżulta mill-użu ta' prodott. Abbażi ta' dik l-informazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa l-ħtieġa u l-fattibbiltà ta' bażi tad-data pan-Ewropea dwar il-korriġimenti li tista' tiprovd informazzjoni u għarfien addizzjonali għall-operaturi ekonomiċi, il-partijiet ikkonċernati rilevanti u l-esperti, bil-ħsieb li tivvaluta l-effettività tal-qafas regolatorju speċifiku tal-Unjoni għall-ġugarelli.**

## Emenda 33

### Proposta għal regolament Premessa 69

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(69) Biex jitqiesu l-progress tekniku u xjentifiku u l-livell ta' prontezza digħiġi tal-

(69) Biex jitqiesu l-progress tekniku u xjentifiku u l-livell ta' prontezza digħiġi tal-

awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u tatt-fal u s-superviżuri tagħhom, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata wkoll lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar ta' dan ir-Regolament rigward l-informazzjoni li trid ***tiddaħħal*** fil-passaport tal-prodotti u l-informazzjoni li trid ***tiddaħħal*** fir-reġistru tal-passaport tal-prodotti.

awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u tatt-fal u s-superviżuri tagħhom, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata wkoll lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar ta' dan ir-Regolament rigward l-informazzjoni li trid ***tiġi inkluża*** fil-passaport ***diġitali*** tal-prodotti u l-informazzjoni li trid ***tiġi inkluża*** fir-reġistru ***tal-passaporti diġitali*** tal-prodotti.

## Emenda 34

### Proposta għal regolament Premessa 71

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(71) Meta tadotta atti delegati skont dan ir-Regolament, hu importanti b'mod partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa tul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperi, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>40</sup>. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugħalli fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperi tal-Istati Membri, u l-esperi tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperi tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

#### *Emenda*

(71) Meta tadotta atti delegati skont dan ir-Regolament, hu importanti b'mod partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa tul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperi ***u tal-partijiet ikkōncernati***, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>40</sup>. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugħalli fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperi tal-Istati Membri, u l-esperi tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperi tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

<sup>40</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

<sup>40</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

## Emenda 35

### Proposta għal regolament

#### Premessa 72

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(72) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implementazzjoni biex tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi dettaljati għall-passaport tal-prodotti għall-ġugarelli, u biex tiddetermina jekk prodott speċifiku jew grupp ta' prodotti jitqiesx bħala ġugarell għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. F'każijiet eċċeżżjonali meta meħtieġ biex jiġu indirizzati riskji emerġenti ġoddha li ma jkunux indirizzati kif xieraq mir-rekwiżiti tas-sikurezza partikolari, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implementazzjoni li jistabbilixxu miżuri speċifiċi kontra ġugarelli jew kategoriji ta' ġugarelli mqiegħda fis-suq u li joħolqu riskju għat-tfal. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>41</sup>.

<sup>41</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implementazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

##### *Emenda*

(72) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implementazzjoni biex tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi dettaljati għall-passaport **diġitali** tal-prodotti għall-ġugarelli, u biex tiddetermina jekk prodott speċifiku jew grupp ta' prodotti jitqiesx bħala ġugarell għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. F'każijiet eċċeżżjonali meta meħtieġ biex jiġu indirizzati riskji emerġenti ġoddha li ma jkunux indirizzati kif xieraq mir-rekwiżiti tas-sikurezza partikolari, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implementazzjoni li jistabbilixxu miżuri speċifiċi kontra ġugarelli jew kategoriji ta' ġugarelli mqiegħda **għad-dispożizzjoni** fis-suq u li joħolqu riskju għat-tfal. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>41</sup>.

<sup>41</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implementazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

## Emenda 36

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – titolu**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

Suġġett

*Emenda*

**Objettiv u** suġġett

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

Dan ir-Regolament **jistabbilixxi regoli dwar is-sikurezza tal-ġugarelli, filwaqt li jiżgura** livell għoli **tal-protezzjoni** tas-saħħha u tas-sikurezza tat-tfal u ta' persuni oħra, **u dwar il-moviment liberu tal-ġugarelli fl-Unjoni.**

*Emenda*

**L-objettiv ta'** dan ir-Regolament **huwa li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern filwaqt li jipprevedi livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi u livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħha u tas-sikurezza tat-tfal u ta' persuni oħra.**

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġidid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar is-sikurezza tal-ġugarelli u dwar il-moviment liberu tal-ġugarelli fl-Unjoni, filwaqt li jikkontribwixxi għat-tishħiħ tas-suq intern.**

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, prodott għandu jitqies li hu maħsub għall-użu fil-logħob tat-tfal **sa 14-il sena, jew ta' tfal ta' kwalunkwe grupp ta' età speċifiku ieħor sa 14-il sena**, meta ġenitur jew superviżur jista' jassumi **b'mod raġonevoli, minħabba l-funzjonijiet**, id-dimensjonijiet u l-karatteristiċi ta' dak il-prodott, li hu maħsub għall-użu fil-logħob tat-tfal tal-grupp ta' età rilevanti.

*Emenda*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, prodott għandu jitqies li hu maħsub għall-użu fil-logħob tat-tfal **ta' taħt l-14-il sena**, meta ġenitur jew superviżur jista' jassumi **raġonevolment, abbażi tal-funzjonijiet**, id-dimensjonijiet u l-karatteristiċi ta' dak il-prodott, li hu maħsub għall-użu fil-logħob tat-tfal tal-grupp ta' età rilevanti.

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implementazzjoni li jiddeterminaw jekk prodotti jew kategoriji ta' prodotti speċifiċi jissodisfawx jew le l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u għalhekk jekk jistgħux jew le jitqiesu bħala ġugarelli skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament. Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 50(2).

*Emenda*

3. Il-Kummissjoni għandha, **qabel l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament skont l-Artikolu 56 u meta meħtieġ biex tindirizza riskji eżistenti għas-sikurezza wara l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament**, tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implementazzjoni li jiddeterminaw jekk prodotti jew kategoriji ta' prodotti speċifiċi jissodisfawx jew le l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u għalhekk jekk jistgħux jew le jitqiesu bħala ġugarelli skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament. Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 50(2).

## **Emenda 41**

### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 3a (ġidid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. Dan ir-Regolament għandu jiġi  
implimentat filwaqt li jitqies il-prinċipju  
ta' prekawzjoni.**

## **Emenda 42**

### **Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(4) “rappreżentant awtorizzat” tfisser persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tkun irċeviet mandat bil-miktub mingħand manifattur biex taġixxi f’ismu b’rabta ma’ kompiti speċifikati;

(4) “rappreżentant awtorizzat” tfisser persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tkun irċeviet mandat bil-miktub mingħand manifattur biex taġixxi f’ismu b’rabta ma’ kompiti speċifikati ***fir-rigward tal-obbligi tal-manifattur skont dan ir-Regolament;***

## **Emenda 43**

### **Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(7) “fornitur ***tas-servizzi*** ta’ eżekuzzjoni”

(7) “fornitur ***ta’ servizz*** ta’ eżekuzzjoni”

tfisser fornitur ***tas-servizzi*** ta' eżekuzzjoni kif definit fl-Artikolu 2, il-punt 11, tar-Regolament (UE) 2019/1020;

tfisser fornitur ***ta' servizz*** ta' eżekuzzjoni kif definit fl-Artikolu 3, il-punt 11, tar-Regolament (UE) 2019/1020;

## Emenda 44

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) “operatur ekonomiku” tfisser il-manifattur, ir-rappreżentant awtorizzat, l-importatur, id-distributur, u l-fornitur ***tas-servizzi*** ta' eżekuzzjoni;

#### *Emenda*

(8) “operatur ekonomiku” tfisser il-manifattur, ir-rappreżentant awtorizzat, l-importatur, id-distributur, u l-fornitur ***ta' servizz*** ta' eżekuzzjoni *jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra li tkun soġġetta għal obbligi b'rabta mal-manifattura ta' prodotti jew li tqiegħidhom għad-dispożizzjoni fis-suq f'konformità ma' dan ir-Regolament;*

## Emenda 45

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) “suq online” tfisser ***suq*** online ***kif definit fl-Artikolu 3(14)*** tar-Regolament (UE) 2023/988;

#### *Emenda*

(9) “***fornitur ta'*** suq online” tfisser ***fornitur ta' servizz intermedjarju li juża interfaċċa*** online *li tippermetti lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod ma' kummerċjanti għall-bejgħ ta' prodotti skont l-Artikolu 3, il-punt (14), tar-Regolament (UE) 2023/988;*

## **Emenda 46**

### **Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 11a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(11a) “maħsub biex jintuża minn” tfisser li  
ġenitur jew superviżur għandu jkun jista’  
jassumi raġonevolment abbażi tal-  
funzjonijiet, id-dimensjonijiet u l-  
karatteristiċi ta’ ġugarell li dan hu  
maħsub għall-użu minn tħali tal-grupp ta’  
età ddikjarat;**

## **Emenda 47**

### **Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 12a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(12a) “rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali”  
tfisser ir-“rekwiżit tas-sikurezza ġenerali”  
stabbilit fl-Artikolu 5(2) flimkien mar-  
rekwiżiti tas-sikurezza partikolari  
stabbiliti fl-Anness II;**

## **Emenda 48**

### **Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 13a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(13a) “passaport digiżitali tal-prodotti”**

*tfisser sett ta' data speċifika għal prodott li tinkludi l-informazzjoni speċifikata fl-Anness VI u li tkun aċċessibbli b'mezzi elettroniċi permezz ta' trasportatur tad-data;*

## Emenda 49

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 14

*Test propost mill-Kummissjoni*

(14) “trasportatur tad-data” tfisser simboli tal-barcode linearji, simboli bidimensjonali jew mezz ieħor ta’ ġbir awtomatiku tad-data ta’ identifikazzjoni li jista’ jinqara minn apparat;

*Emenda*

(14) “trasportatur tad-data” tfisser *trasportatur tad-data kif definit fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1, il-punt 30 tar-Regolament (UE) .../... [ĠU daħħal in-numru tas-serje għar-Rekwiżiti tal-Ekodisinn għall-Prodotti Sostenibbli;*

## Emenda 50

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 15

*Test propost mill-Kummissjoni*

(15) “identifikatur uniku tal-prodott” tfisser *sekwenza unika ta’ karattri għall-identifikazzjoni ta’ ġugarelli li tippermetti wkoll link web għall-passaport tal-prodotti;*

*Emenda*

(15) “identifikatur uniku tal-prodott” tfisser *identifikatur uniku kif definit fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1, il-punt 31 tar-Regolament (UE) .../... [ĠU daħħal in-numru tas-serje għar-Rekwiżiti tal-Ekodisinn għall-Prodotti Sostenibbli];*

## Emenda 51

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 16**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(16) “identifikatur uniku tal-operatur” tfisser **sekwenza unika ta’ karattri għall-identifikazzjoni tal-atturi involuti fil-katina tal-valur tal-ġugarelli;**

*Emenda*

(16) “identifikatur uniku tal-operatur” tfisser **identifikatur tal-operatur kif definit fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1, il-punt 32 tar-Regolament (UE) .../... [ĠU daħħal in-numru tas-serje għar-Rekwiżiti tal-Ekdisinn għall-Prodotti Sostenibbli];**

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 20**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(20) “valutazzjoni tal-konformità” tfisser il-proċess li juri jekk ir-rekwiżiti essenzjali relatati ma’ ġugarell ġewx issodisfati;

*Emenda*

(20) “valutazzjoni tal-konformità” tfisser il-proċess li juri jekk ir-rekwiżiti **tas-sikurezza** essenzjali relatati ma’ ġugarell ġewx issodisfati;

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 28**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(28) “awtorità tas-sorveljanza tas-suq” tfisser awtorità **tas-sorveljanza tas-suq kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (4), tar-Regolament (UE) 2019/1020;**

*Emenda*

(28) “awtorità tas-sorveljanza tas-suq” tfisser awtorità **ddeżinjata minn Stat Membru skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2019/1020 bħala responsabbli mill-organizzazzjoni u mit-twettiq tas-sorveljanza tas-suq fit-**

*territorju ta' dak l-Istat Membru;*

## Emenda 54

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 28a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(28a) “awtorità notifikanti” tfisser awtorità ddeżinjata minn Stat Membru skont dan ir-Regolament bħala responsabbli għall-valutazzjoni u n-notifika tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità fit-territorju ta' dak l-Istat Membru;**

## Emenda 55

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 29

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(29) “ġugarell funzjonali” tfisser ġugarell li jaħdem u jintuża bl-istess mod bħal prodott, apparat **domestiku** jew installazzjoni maħsuba biex jintużaw mill-adulti, u jista' jkun mudell f'minjatura ta' prodott, apparat **domestiku** jew installazzjoni **ta' dan it-tip**;

(29) “ġugarell funzjonali” tfisser ġugarell li jaħdem u jintuża bl-istess mod bħal prodott, apparat jew installazzjoni maħsuba biex jintużaw mill-adulti, *li jippreżenta l-istess livell ta' riskju bħall-prodott użat mill-adulti* u jista' jkun mudell f'minjatura ta' **tali** prodott, apparat jew installazzjoni;

## Emenda 56

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 32**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(32) “ġugarell kimiku” tfisser ġugarell maħsub għal **immaniġġjar** dirett ta’ sustanzi u taħlitiet kimiċi;

*Emenda*

(32) “ġugarell kimiku” tfisser ġugarell maħsub għal **maniġġar** dirett ta’ sustanzi u taħlitiet kimiċi **u li jintuża b'mod li jkun xieraq għal grupp ta’ età partikolari u taħt is-superviżjoni ta’ adult;**

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 33**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(33) “**logħba fuq bord relatata max-xamm**” tfisser ġugarell maħsub biex jgħin lit-tfal jitgħallmu jagħrfu **rwejjaħ** jew toġħmiet differenti;

*Emenda*

(33) “**board game abbażi tax-xamm**” tfisser ġugarell maħsub biex jgħin lit-tfal jitgħallmu jagħrfu **jew jikkombinaw irwejjaħ** jew toġħmiet differenti;

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 35**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(35) “logħba tat-tegħim” tfisser logħba maħsuba biex it-tfal ikunu jistgħu jagħmlu ħlewwiet jew ikel permezz ta’ ingredjenti tal-ikel, inkluż likwidi, trabijiet u aromi;

*Emenda*

(35) “logħba tat-tegħim” tfisser logħba maħsuba biex it-tfal ikunu jistgħu jagħmlu ħlewwiet jew ikel permezz ta’ ingredjenti tal-ikel, inkluż likwidi, trabijiet u aromi **mingħajr l-użu ta’ kwalunkwe sors ta’ sħana;**

## Emenda 59

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 36

*Test propost mill-Kummissjoni*

(36) “*sustanza tat-ħassib*” tħisser  
*sustanza tat-ħassib kif definita fl-*  
*Artikolu 2, il-punt (28), tar-Regolament*  
*(UE) .../... [dwar ir-rekwiżiti tal-Ekodisinn*  
*għal Prodotti Sostenibbli].*

*Emenda*

*imħassar*

## Emenda 60

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri ma għandhomx jimpedixxu, minħabba raġunijiet relatati mas-saħħha u s-sikurezza jew aspetti oħra koperti minn dan ir-Regolament, it-tqegħid għad-dispożizzjoni fis-suq tal-ġugarelli konformi ma' dan ir-Regolament.

*Emenda*

1. L-Istati Membri ma għandhomx *jipprojbixxu, jirrestrinġu jew* jimpedixxu, minħabba raġunijiet relatati mas-saħħha u s-sikurezza jew aspetti oħra koperti minn dan ir-Regolament, it-tqegħid għad-dispożizzjoni fis-suq tal-ġugarelli konformi ma' dan ir-Regolament.

## Emenda 61

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

Rekwiżiti ***tal-prodotti***

*Emenda*

Rekwiżiti ***tas-sikurezza essenzjali***

## Emenda 62

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-ġugarelli ma għandhomx joħolqu riskju għas-saħħa jew is-sikurezza tal-utenti jew ta' partijiet terzi, ***inkluż is-saħħa psikoloġika u mentali, il-benesseri u l-iżvilupp konjittiv tat-tfal***, meta jintużaw kif maħsub jew b'mod prevedibbli, filwaqt li titqies l-imġiba tat-tfal.

*Emenda*

Il-ġugarelli ma għandhomx joħolqu riskju għas-saħħa jew is-sikurezza tal-utenti jew ta' partijiet terzi, meta jintużaw kif maħsub jew b'mod prevedibbli, filwaqt li titqies l-imġiba tat-tfal.

## Emenda 63

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Meta jivvaluta r-riskju msemmi fl-ewwel subparagrafu, manifattur ta' ġugarelli konnessi b'mod digħitali għandu, meta xieraq, skont l-aħjar sforzi raġonevoli, iqis ukoll kwalunkwe riskju għas-saħħa mentali, kif ukoll għall-iżvilupp konjittiv, tat-tfal, li jista' jinħoloq meta tali ġugarelli jintużaw skont l-użu maħsub tagħhom.***

## Emenda 64

## Proposta għal regolament

### Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1b (ġidid)

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Manifattur għandu japplika t-tieni subparagrafu b'mod li jkun proporzjonat għall-kapaċità tiegħu b'rabta mal-valutazzjoni adegwata ta' dawk ir-riskji.*

## Emenda 65

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 6 – paragrafu 1

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Meta meħtieġ biex ikun żgurat l-użu sikur tagħhom, il-ġugarelli għandu jkollhom twissija **ġenerali** li tispeċifika l-limitazzjonijiet xierqa tal-utent. Il-limitazzjonijiet tal-utent għandhom jinkludu mill-inqas l-età minima **jew massima** tal-utent u, meta xieraq, l-abbiltajiet meħtieġa tal-utent, il-piż massimu jew minimu tal-utent, u l-ħtieġa li jkun żgurat li l-ġugarell jintuża biss **bis-superviżjoni adulta**.

1. Meta meħtieġ biex ikun żgurat l-użu sikur tagħhom **u s-saħħha tat-tfal**, il-ġugarelli għandu jkollhom twissija li tispeċifika l-limitazzjonijiet xierqa tal-utent. Il-limitazzjonijiet tal-utent għandhom jinkludu mill-inqas l-età minima tal-utent u, meta xieraq, l-abbiltajiet meħtieġa tal-utent, il-piż massimu jew **il-piż** minimu tal-utent, u l-ħtieġa li jkun żgurat li l-ġugarell jintuża **taħt is-superviżjoni tal-adulti**.

## Emenda 66

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttora

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Il-kategoriji tal-ġugarelli **li ġejjin għandu**

Il-kategoriji tal-ġugarelli stabbiliti fl-Anness

*jkollhom twissijiet f'konformità mar-regoli għal kull kategorija* stabbiliti fl-Anness III:

III *għandu jkollhom twissijiet:*

### Emenda 67

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- (a) *il-ġugarelli mhux maħsuba biex jintużaw mit-tfal sa 36 xahar;* *imħassar*

### Emenda 68

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- (b) *il-ġugarelli tal-attività;* *imħassar*

### Emenda 69

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- (c) *il-ġugarelli funzjonali;* *imħassar*

## **Emenda 70**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(d) *il-ġugarelli kimiċi;*** *imħassar*

## **Emenda 71**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt e**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(e) *I-iskates, ir-roller skates, I-inline skates, I-iskateboards, I-iskuters u r-roti tal-logħob tat-tfal;*** *imħassar*

## **Emenda 72**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt f**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(f) *il-ġugarelli tal-ilma;*** *imħassar*

## **Emenda 73**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt g**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(g) *il-ġugarelli fl-ikel;*** *imħassar*

#### **Emenda 74**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt h**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(h) *I-imitazzjonijiet tal-maskri u l-elmi protettivi;*** *imħassar*

#### **Emenda 75**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt i**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(i) *il-ġugarelli maħsuba biex jiddendlu min-naħħa għall-oħra ta' bennien, kott jew pram bi spag, ħbula, lastiku jew ċineg;*** *imħassar*

#### **Emenda 76**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt j**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(j) I-imballaġġ tal-fwejjaħ li jinsabu fil-logħbiet fuq bord relatati max-xamm, fil-kitts kożmetiċi u fil-logħbiet relatati mat-tegħim.*

*imħassar*

## **Emenda 77**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Il-manifattur għandu jimmarka t-twissijiet b'mod viżibbli, ***leġibbli faċilment u komprensibbli*** u preċiż fuq il-ġugarell, ***jew*** fuq tikketta mwaħħla jew fuq I-imballaġġ u, jekk xieraq, fuq I-istruzzjonijiet tal-użu mogħtija mal-ġugarell. Il-ġugarelli ***żgħar*** li jinbiegħ bla imballaġġ għandu jkollhom it-twissijiet xierqa mwaħħla magħħom.

Il-manifattur għandu jimmarka t-twissijiet b'mod viżibbli ***ċar, leġġibbli u komprensibbli faċilment*** u preċiż fuq il-ġugarell, fuq tikketta mwaħħla jew fuq I-imballaġġ u, jekk xieraq, fuq I-istruzzjonijiet tal-użu mogħtija mal-ġugarell. Il-ġugarelli li jinbiegħ bla imballaġġ għandu jkollhom it-twissijiet xierqa mwaħħla magħħom ***jekk il-wiċċ tal-ġugarell jippermetti dan. Jekk dan ma jkunx possibbli, it-twissijiet għandhom jitqiegħdu fuq it-tikketta. Il-manifattur jista' jżid kodċi QR li jipprovdi link għall-istruzzjonijiet f'format diġitali, iżda għandu dejjem jimmarka t-twissijiet fuq il-ġugarell, fuq tikketta mwaħħla jew fuq I-imballaġġ.***

## **Emenda 78**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

### *Test propos mill-Kummissjoni*

It-twissijiet għandhom ikunu viżibbli b'mod ġar għall-konsumatur qabel ma jixtri, inkluż meta x-xiri jsir b'bejgħ mill-bogħod. It-twissijiet **għandu jkollhom** daqs **biżżejjed li jiġura l-viżibbiltà tagħhom.**

### *Emenda*

It-twissijiet **li jiddeterminaw id-deċiżjoni li l-ġugarell jinxxtara** għandhom ikunu viżibbli b'mod ġar għall-konsumatur qabel ma jixtri, inkluż meta x-xiri jsir b'bejgħ mill-bogħod **u online**. It-twissijiet **għandhom ikunu ta'** daqs **suffiċjenti biex jiġi żgurat li jkunu wkoll immedjatament viżibbli u leġġibbli online**. **Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implementazzjoni li jiddeterminaw kriterji relatati mal-viżibbiltà u l-leġġibbiltà tat-twissijiet, inkluż għal bejgħ online, 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħi ta' dan ir-Regolament.**

### **Emenda 79**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4**

### *Test propos mill-Kummissjoni*

4. It-tikketti u l-istruzzjonijiet tal-użu għandhom jiġbdu l-attenzjoni tat-tfal jew tas-superviżuri tagħhom għall-perikli u r-riskji inerenti għas-saħħha u s-sikurezza tat-tfal **involuti fl-użu tal-ġugarelli**, u għall-modi kif jiġu evitati dawk il-perikli u r-riskji.

### *Emenda*

4. It-tikketti u l-istruzzjonijiet tal-użu għandhom jiġbdu l-attenzjoni tat-tfal jew tas-superviżuri tagħhom għall-perikli u r-riskji inerenti għas-saħħha u s-sikurezza tat-tfal **filwaqt li jitqies il-grupp ta' età tat-tfal li għalih huma maħsuba l-ġugarelli**, u għall-modi kif jiġu evitati dawk il-perikli u r-riskji.

### **Emenda 80**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a**

*Test proposi mill-Kummissjoni*

- (a) joħolqu passaport tal-prodotti għall-ġugarell f'konformità mal-Artikolu 17;

*Emenda*

- (a) joħolqu passaport **diġitali** tal-prodotti għall-ġugarell f'konformità mal-Artikolu 17;

## **Emenda 81**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b**

*Test proposi mill-Kummissjoni*

- (b) iwaħħlu t-trasportatur tad-data **mal-ġugarell jew ma' tikketta mwaħħla mal-ġugarell**, f'konformità mal-Artikolu 17(5);

*Emenda*

- (b) iwaħħlu t-trasportatur tad-data f'konformità mal-Artikolu 17(5);

## **Emenda 82**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt d**

*Test proposi mill-Kummissjoni*

- (d) itellgħu l-identifikatur uniku tal-prodott u l-identifikatur uniku tal-operatur tal-ġugarell fir-reġistru tal-passaport tal-prodotti **imsemmi** fl-Artikolu 19(1), kif ukoll kull informazzjoni addizzjonali oħra determinata b'att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 46(2).

*Emenda*

- (d) itellgħu l-identifikatur uniku tal-prodott u l-identifikatur uniku tal-operatur tal-ġugarell fir-reġistru tal-passaport **diġitali** tal-prodotti **msemmi** fl-Artikolu 19(1), kif ukoll kull informazzjoni addizzjonali oħra determinata b'att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 46(2).

## **Emenda 83**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 7 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-manifatturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni teknika u l-passaport tal-prodotti għal 10 snin ***minn meta l-ġugarell*** kopert b'dik id-dokumentazzjoni jew mill-passaport tal-prodotti ***jkun tqiegħed*** fis-suq.

*Emenda*

3. Il-manifatturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni teknika ***aġġornata*** u l-passaport ***diġitali*** tal-prodotti għal ***perjodu ta'*** 10 snin ***wara li l-aħħar artiklu tal-mudell tal-ġugarell*** kopert b'dik id-dokumentazzjoni u ***l-passaport diġitali*** tal-prodotti ***jkunu tqiegħdu*** fis-suq.

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Meta ***l-manifatturi***, fir-rigward tar-riskji ppreżentati minn ġugarell, ***ikun jidhrilhom li hemm bżonn*** għall-protezzjoni tas-saħħha u s-sikurezza tal-konsumaturi, dawn għandhom iwettqu ttestjar ta' kampjuni tal-ġugarelli kkummerċjalizzati.

*Emenda*

Meta ***jitqies xieraq*** fir-rigward tar-riskji ppreżentati minn ġugarell, għall-protezzjoni tas-saħħha u s-sikurezza tal-konsumaturi, il-manifatturi għandhom iwettqu ttestjar ta' kampjuni tal-ġugarelli kkummerċjalizzati.

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 7 – paragrafu 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. Il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew

*Emenda*

6. Il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew

it-trademark irregjistrata tagħhom u l-indirizz postali ***u*** elettroniku fejn ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati dwar il-ġugarell jew, jekk dan ma jkunx ***possibbli***, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument mogħti mal-ġugarell. Il-manifatturi għandhom jindikaw punt uniku fejn ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati.

it-trademark irregjistrata tagħhom u l-indirizz postali ***jew*** elettroniku fejn ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati dwar il-ġugarell jew, jekk dan ma jkunx ***fattibbli***, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument mogħti mal-ġugarell ***jew fil-passaport digħiġi tal-prodotti***. Il-manifatturi għandhom jindikaw punt uniku fejn ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati.

## Emenda 86

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

7. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li mal-ġugarell jingħataw struzzjonijiet u informazzjoni dwar is-sikurezza b'lingwa/i li jinftieħmu faċilment mill-konsumaturi u minn utenti finali oħra, kif determinat mill-Istat Membru kkonċernat. Dawk l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni għandhom ikunu ċari, komprensibbli u ***leġibbli***.

#### *Emenda*

7. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li mal-ġugarell jingħataw struzzjonijiet ***għall-użu*** u informazzjoni dwar is-sikurezza b'lingwa/i li jinftieħmu faċilment mill-konsumaturi u minn utenti finali oħra ***inklużi persuni b'diżabbiltà jekk ikun fattibbli***, kif determinat mill-Istat Membru kkonċernat. Dawk l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni għandhom ikunu ċari, komprensibbli u ***leġġibbli***.

## Emenda 87

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Meta l-manifatturi jkun jidhrilhom jew ikollhom raġuni biex jemmnu li ġugarell li jkunu qiegħdu fis-suq ma jkunx konformi

#### *Emenda*

Meta l-manifatturi jkun jidhrilhom jew ikollhom raġuni biex jemmnu, ***abbażi tal-informazzjoni fil-pusseß ta' dak il-***

ma' dan ir-Regolament, dawn għandhom jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa minnufih biex dak il-ġugarell jingħieb konformi, jiġi rtirat jew jinġabar lura, kif xieraq.

**manifattur**, li ġugarell li jkunu qiegħdu fis-suq ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, dawn għandhom jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa minnufih biex dak il-ġugarell jingħieb konformi, jiġi rtirat jew jinġabar lura, kif xieraq.

## Emenda 88

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Meta l-manifatturi jkun jidhrilhom jew ikollhom raġuni biex jemmnu li ġugarell joħloq riskju, dawn għandhom jipprovd minnufih informazzjoni dwar dan:

#### *Emenda*

Meta l-manifatturi jkun jidhrilhom jew ikollhom raġuni biex jemmnu, **abbażi tal-informazzjoni fil-pusseß ta' dak il-manifattur**, li ġugarell joħloq riskju, dawn għandhom jipprovd minnufih informazzjoni dwar dan:

## Emenda 89

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 2 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn ikunu qiegħdu l-ġugarell fis-suq, permezz tas-Safety Business Gateway **msemmi** fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2023/988, billi jagħtu dettalji, b'mod partikolari, dwar kull nonkonformità u kull miżura korrettiva meħuda; u

#### *Emenda*

(a) lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn ikunu qiegħdu l-ġugarell **disponibbli** fis-suq, permezz tas-Safety Business Gateway **imsemmi** fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2023/988, billi jagħtu dettalji, b'mod partikolari, dwar kull nonkonformità u kull miżura korrettiva meħuda **u jekk disponibbli, tal-kwantità, skont l-Istat Membru, tal-ġugarelli li jkunu għadhom qed jiċċirkolaw fis-suq**; u

## Emenda 90

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

10. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li operaturi ekonomiċi oħra, l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2019/1020, u s-swieq online, fil-katina tal-provvista kkonċernata, jinżammu infurmati fil-ħin dwar kull nonkonformità li l-manifatturi jkunu sabu.

*Emenda*

10. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li operaturi ekonomiċi oħra, l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2019/1020, u **fornituri tas-swieq** online, fil-katina tal-provvista kkonċernata, jinżammu infurmati fil-ħin dwar kull nonkonformità li l-manifatturi jkunu sabu.

## Emenda 91

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 11

*Test propost mill-Kummissjoni*

11. Il-manifatturi għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku numru tat-telefown, indirizz tal-email, taqsima apposta fuq is-sit web tagħhom **jew mezz ieħor tal-komunikazzjoni**, biex il-konsumaturi jew utenti finali oħra jkunu jistgħu **jippreżentaw** ilmenti dwar is-sikurezza tal-ġugarelli u jinfurmaw lill-manifatturi dwar kull aċċident jew kwistjoni ta' sikurezza li jkunu esperenzaw b'tali ġugarelli. Meta jagħmlu dan, il-manifatturi għandhom iqisu l-bżonnijiet tal-aċċessibbiltà tal-persuni b'diżabbiltà.

*Emenda*

11. Il-manifatturi għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku **mezzi tal-komunikazzjoni bħal** numru tat-telefown, indirizz tal-email, taqsima apposta fuq is-sit web tagħhom, biex il-konsumaturi jew utenti finali oħra jkunu jistgħu **jissottomettu** ilmenti dwar is-sikurezza tal-ġugarelli u jinfurmaw lill-manifatturi dwar kull aċċident jew kwistjoni ta' sikurezza li jkunu esperenzaw b'tali ġugarelli. Meta jagħmlu dan, il-manifatturi għandhom iqisu l-bżonnijiet tal-aċċessibbiltà tal-persuni b'diżabbiltà. **Il-mezz tal-komunikazzjoni għandu jinkludi link għat-taqṣima tal-Portal Safety Gate msemmija**

*fl-Artikolu 34(3) tar-Regolament  
2023/988 għat-trażmissjoni ta'  
informazzjoni dwar ġugarelli li jistgħu  
joħolqu riskju għas-saħħa u għas-  
sikurezza tal-konsumaturi.*

## Emenda 92

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

#### *Test propos mill-Kummissjoni*

1. Manifattur jista' jaħtar rappreżentant awtorizzat permezz ta' mandat bil-miktub.

#### *Emenda*

1. Manifattur jista' jaħtar rappreżentant awtorizzat permezz ta' mandat bil-miktub. **Meta l-manifatturi jtemmu l-mandat tar-rappreżentant awtorizzat tagħhom, huma għandhom jinfurmaw lill-awtoritā tas-sorveljanza tas-suq. Manifattur stabbilit fl-Unjoni jista' wkoll jaħtar rappreżentant awtorizzat.**

## Emenda 93

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt a

#### *Test propos mill-Kummissjoni*

- (a) iżomm id-dokumentazzjoni teknika għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza u jiġura li l-passaport tal-prodotti jkun disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 17(2), għal perjodu ta' 10 snin **minn meta l-ġugarell** kopert minn dawk id-dokumenti jkun tqiegħed fis-suq;

#### *Emenda*

- (a) iżomm id-dokumentazzjoni teknika għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza u jiġura li l-passaport **diġitali** tal-prodotti jkun disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 17(2), għal perjodu ta' 10 snin **wara li l-aħħar artiklu tal-mudell tal-ġugarell** kopert minn dawk id-dokumenti jkun

tqiegħed fis-suq;

## Emenda 94

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

- (b) meta ssirlu talba motivata mill-awtorità nazzjonali kompetenti, jagħti l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa lil dik l-awtorità biex juri l-konformità ta' ġugarell;

#### *Emenda*

- (b) meta ssirlu talba motivata mill-awtorità nazzjonali kompetenti, jagħti l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa lil dik l-awtorità biex juri l-konformità ta' ġugarell ***b'lingwa uffiċjali, li tkun tista' tintiehem, minn dik l-awtorità;***

## Emenda 95

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt c

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

- (c) jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, meta jintalab, rigward kull azzjoni meħuda biex jixxejnu r-riskji maħluqa mill-ġugarelli koperti mill-mandat.

#### *Emenda*

- (c) jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, meta jintalab, rigward kull azzjoni meħuda biex ***b'mod effettiv*** jixxejnu r-riskji maħluqa mill-ġugarelli koperti mill-mandat ***bil-miktub.***

## Emenda 96

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

*Test proposi mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ca) jinforma lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bi kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mill-ġugarelli koperti mill-mandat tagħhom permezz ta' notifika fis-Safety Business Gateway, meta l-informazzjoni ma tkunx diġà ġiet ipprovdu mill-manifattur jew fuq struzzjoni tal-manifattur.**

## **Emenda 97**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagraphu 1 – punt b**

*Test proposi mill-Kummissjoni*

(b) mal-ġugarell jingħataw struzzjonijiet **tal-użu** u informazzjoni dwar is-sikurezza f'konformità mal-Artikolu 7(7) b'lingwa/i li jistgħu jinftieħmu faċilment mill-konsumaturi jew minn utenti finali oħra, kif determinat mill-Istat Membru kkonċernat;

*Emenda*

(b) mal-ġugarell jingħataw struzzjonijiet **għall-użu** u informazzjoni dwar is-sikurezza f'konformità mal-Artikolu 7(7) b'lingwa/i li jistgħu jinftieħmu faċilment mill-konsumaturi jew minn utenti finali oħra, kif determinat mill-Istat Membru kkonċernat;

## **Emenda 98**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagraphu 1 – punt c**

*Test proposi mill-Kummissjoni*

(c) il-manifattur ikun ħoloq passaport tal-prodotti għall-ġugarell f'konformità

*Emenda*

(c) il-manifattur ikun ħoloq passaport **diġitali** tal-prodotti għall-ġugarell

mal-Artikolu 7(2);

f'konformità mal-Artikolu 7(2);

## Emenda 99

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d

*Test propos mill-Kummissjoni*

- (d) ***il-ġugarell ikollu*** trasportatur tad-data f'konformità mal-Artikolu 17(5);

*Emenda*

- (d) trasportatur tad-data ***jkun imwaħħal*** f'konformità mal-Artikolu 17(5);

## Emenda 100

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt e

*Test propos mill-Kummissjoni*

- (e) I-informazzjoni rilevanti fil-passaport tal-prodotti tkun ġiet inkluża fir-reġistru tal-passaporti tal-prodotti msemmi fl-Artikolu 19(1);

*Emenda*

- (e) I-informazzjoni rilevanti fil-passaport ***diġitali*** tal-prodotti tkun ġiet inkluża fir-reġistru tal-passaporti ***diġitali*** tal-prodotti msemmi fl-Artikolu 19(1);

## Emenda 101

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

*Test propos mill-Kummissjoni*

Meta l-importaturi jkun jidhrilhom jew ikollhom raġuni biex jemmnu li ġugarell ma jkunx konformi mar-rekwiżiti tas-

*Emenda*

Meta l-importaturi jkun jidhrilhom, jew ikollhom raġuni biex jemmnu, ***abbażi tal-informazzjoni fil-pussess ta' dak l-***

sikurezza essenziali, dawn ***ma għandhomx iqiegħdu*** l-ġugarell fis-suq qabel ma jinġieb f'konformità.

***importatur***, li ġugarell ma jkunx konformi mar-rekwiżiti tas-sikurezza essenziali, dawn ***għandhom jinfurmaw lill-manifattur u joqogħdu lura milli jqiegħdu*** l-ġugarell fis-suq qabel ma jinġieb f'konformità ***mill-manifattur***.

## Emenda 102

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Meta l-importaturi jkun jidhrihom jew ikollhom raġuni biex jemmnu li ġugarell ikun joħloq xi riskju, dawn għandhom jipprovdu minnufih l-informazzjoni dwar dan:

#### *Emenda*

Meta l-importaturi jkun jidhrihom, jew ikollhom raġuni biex jemmnu, ***abbażi tal-informazzjoni fil-pusseß ta' dak l-importatur***, li ġugarell ikun joħloq xi riskju, dawn għandhom jipprovdu minnufih l-informazzjoni dwar dan:

## Emenda 103

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – punt c

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) ***lill-konsumaturi jew utenti finali oħra, f'konformità mal-Artikolu 35 jew l-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2023/988, jew it-tnejn li huma.***

#### *Emenda*

***imħassar***

## Emenda 104

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 9 – paragrafu 6 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Meta l-importaturi jkun jidhrihom jew ikollhom raġuni biex jemmnu li ġugarell li jkunu qiegħdu fis-suq ikun joħloq riskju għas-saħħha jew is-sikurezza tal-konsumaturi jew ta' utenti finali oħra, dawn għandhom jinfurmaw minnufih b'dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri li fis-suq tagħhom ikunu għamlu l-ġugarell għad-dispożizzjoni **għal dak il-ġħan**, u jagħtu dettalji, b'mod partikolari, dwar kull nonkonformità u kull miżura korrettiva meħħuda.

*Emenda*

Meta l-importaturi jkun jidhrihom jew ikollhom raġuni biex jemmnu li ġugarell li jkunu qiegħdu fis-suq ikun joħloq riskju għas-saħħha jew is-sikurezza tal-konsumaturi jew ta' utenti finali oħra, dawn għandhom jinfurmaw minnufih **lill-manifattur u lill-awtoritajiet nazzjonali** kompetenti tal-Istati Membri li fis-suq tagħhom ikunu għamlu l-ġugarell għad-dispożizzjoni, u jagħtu dettalji, b'mod partikolari, dwar kull nonkonformità u kull miżura korrettiva meħħuda **u jinfurmaw lill-konsumaturi jew lil utenti finali oħra, f'konformità mal-Artikolu 35 jew 36 tar-Regolament (UE) 2023/988, jew it-tnejn li huma.**

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 9 – paragrafu 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

7. L-importaturi, għal perjodu ta' 10 snin minn meta **l-ġugarell** ikun tqiegħed fis-suq, għandhom iżommu l-identifikatur uniku tal-prodott tal-ġugarell għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u jiżguraw li d-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 23 tkun tista' titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' dawk l-awtoritajiet, meta tintalab.

*Emenda*

7. L-importaturi, għal perjodu ta' 10 snin minn meta **l-aħħar artiklu tal-mudell tal-ġugarell** ikun tqiegħed fis-suq, għandhom iżommu l-identifikatur uniku tal-prodott tal-ġugarell għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u jiżguraw li d-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 23 tkun tista' titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' dawk l-awtoritajiet, meta tintalab.

## Emenda 106

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

9. L-importaturi għandhom jivverifikaw jekk il-manifattur ikunx għamel **mezz** tal-komunikazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 7(11), disponibbli għall-pubbliku għall-konsumaturi jew għal utenti finali oħra, biex ikunu jistgħu jippreżentaw ilmenti dwar is-sikurezza tal-ġugarelli u jipprovd informazzjoni dwar xi aċċident jew kwistjoni tas-sikurezza li jkunu esperjenzaw bil-ġugarell. Jekk **dan il-mezz** tal-komunikazzjoni ma jkunux disponibbli, l-importaturi għandhom **jipprovdu tali mezz**, filwaqt li jqisu l-bżonnijiet tal-aċċessibbiltà tal-persuni b'diżabbiltà.

#### *Emenda*

9. L-importaturi għandhom jivverifikaw jekk il-manifattur ikunx għamel **mezzi** tal-komunikazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 7(11), disponibbli għall-pubbliku għall-konsumaturi jew għal utenti finali oħra, biex ikunu jistgħu jippreżentaw ilmenti dwar is-sikurezza tal-ġugarelli u jipprovd informazzjoni dwar xi aċċident jew kwistjoni tas-sikurezza li jkunu esperjenzaw bil-ġugarell. Jekk **mezzi** tal-komunikazzjoni ma jkunux disponibbli, l-importaturi għandhom **jippreveduhom**, filwaqt li jqisu l-bżonnijiet tal-aċċessibbiltà tal-persuni b'diżabbiltà.

## Emenda 107

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 10 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-importaturi għandhom iżommu lill-manifattur, lid-distributuri u, meta rilevanti, **lis-swiegħ** online infurmati fil-ħin dwar l-investigazzjoni mwettqa u dwar ir-riżultati tal-investigazzjoni.

#### *Emenda*

L-importaturi għandhom iżommu lill-manifattur, lid-distributuri u, meta rilevanti, **lill-fornituri tas-swiegħ** online infurmati fil-ħin dwar l-investigazzjoni mwettqa u dwar ir-riżultati tal-investigazzjoni.

## Emenda 108

## **Proposta għal regolament**

### **Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a**

#### *Test proposit mill-Kummissjoni*

(a) mal-ġugarell jingħataw struzzjonijiet u informazzjoni dwar is-sikurezza b'lingwa/i li jinftieħmu faċilment mill-konsumaturi jew minn utenti finali oħra kif determinat mill-Istat Membru li fih il-ġugarell għandu jsir disponibbli fis-suq;

#### *Emenda*

(a) mal-ġugarell jingħataw struzzjonijiet **għall-użu** u informazzjoni dwar is-sikurezza b'lingwa/i li jinftieħmu faċilment mill-konsumaturi jew minn utenti finali oħra kif determinat mill-Istat Membru li fih il-ġugarell għandu jsir disponibbli fis-suq;

### **Emenda 109**

## **Proposta għal regolament**

### **Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

#### *Test proposit mill-Kummissjoni*

Meta d-distributuri jkun jidħrilhom jew ikollhom raġuni biex jemmnu li ġugarell ma jkunx konformi mar-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali, dawn **ma għandhomx iqiegħidu** l-ġugarell disponibbli fis-suq qabel ma jingħieb f'konformità.

#### *Emenda*

Meta d-distributuri jkun jidħrilhom, jew ikollhom raġuni biex jemmnu, **abbażi tal-informazzjoni fil-pussess ta' dak id-distributur**, li ġugarell ma jkunx konformi mar-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali, dawn **għandhom jinfurmaw lill-manifattur u joqogħidu lura milli jqiegħidu** l-ġugarell fis-suq qabel ma jingħieb f'konformità **mill-manifattur**.

### **Emenda 110**

## **Proposta għal regolament**

### **Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – parti introduttora**

#### *Test proposit mill-Kummissjoni*

Meta d-distributuri jkun jidħrilhom jew

#### *Emenda*

Meta d-distributuri jkun jidħrilhom jew

ikollhom raġuni biex jemmnu li ġugarell joħloq riskju, dawn għandhom jipprovd minnufih informazzjoni dwar dan:

ikollhom raġuni biex jemmnu, **abbażi tal-informazzjoni fil-pussess ta' dak id-distributur**, li ġugarell joħloq riskju, dawn għandhom jipprovd minnufih informazzjoni dwar dan:

## Emenda 111

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – punt c

*Test propos mill-Kummissjoni*

(c) *lill-konsumaturi jew utenti finali oħra, f'konformità mal-Artikolu 35 jew l-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2023/988, jew it-tnejn li huma.*

*Emenda*

*imħassar*

## Emenda 112

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

*Test propos mill-Kummissjoni*

Meta d-distributuri jkun jidhrihom jew ikollhom raġuni biex jemmnu li ġugarell li jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni fis-suq ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, dawn għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak il-ġugarell jinġieb f'konformità, jiġi rtirat jew jingħabar lura, jekk xieraq.

*Emenda*

Meta d-distributuri jkun jidhrihom jew ikollhom raġuni biex jemmnu, **abbażi tal-informazzjoni fil-pussess ta' dak id-distributur**, li ġugarell li jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni fis-suq ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, dawn għandhom jiżguraw li **minnufih** jittieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak il-ġugarell jinġieb f'konformità, jiġi rtirat jew jingħabar lura, jekk xieraq.

## Emenda 113

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Meta d-distributuri jkun jidhrilhom jew ikollhom raġuni biex jemmnu li ġugarell li jkunu qiegħdu fis-suq joħloq riskju, dawn għandhom jinfurmaw minnufih dwar dan lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri li fihom ikunu għamlu l-ġugarell għad-dispożizzjoni ***għal dak il-għan***, u jagħtu dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nonkonformità u kull miżura korrettiva meħuda.

#### *Emenda*

Meta d-distributuri jkun jidhrilhom, jew ikollhom raġuni biex jemmnu, li ġugarell li jkunu qiegħdu fis-suq joħloq riskju, dawn għandhom jinfurmaw minnufih dwar dan ***lill-manifattur jew lill-importatur, kif applikabbli u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri li fihom ikunu għamlu l-ġugarell għad-dispożizzjoni, u jagħtu dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nonkonformità u kull miżura korrettiva meħuda u jinfurmaw lill-konsumaturi jew lil utenti finali oħra, f'konformità mal-Artikolu 35 jew 36 tar-Regolament (UE) 2023/988, jew it-tnejn li huma.***

## Emenda 114

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – titolu

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Każijiet meta l-obbligi tal-manifatturi jaapplikaw ***għall-importatur u għad-distributuri***

#### *Emenda*

Każijiet meta l-obbligi tal-manifatturi jaapplikaw ***għal persuni oħra***

## Emenda 115

**Proposta għal regolament  
Artikolu 11 – paragrafu 1**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

**Importatur jew distributur għandu jitqies**  
bħala manifattur għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u **għandu jkun soġġett** għall-obbligi tal-manifattur skont l-Artikolu 7, meta tali **importatur jew distributur ikunu qiegħdu** ġugarell fis-suq **f'isimhom** jew bil-marka kummerċjali **tagħhom**, jew **jimmodifikaw** ġugarell li jkun digħà tqiegħed fis-suq b'tali mod li tkun tista' tiġi affettwata l-konformità mar-rekwiżiti applikabbi ta' dan ir-Regolament.

*Emenda*

**Persuna fiżika jew ġuridika għandha titqies**  
bħala manifattur għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u **għandha tkun soġġetta** għall-obbligi tal-manifattur skont l-Artikolu 7, meta tali **persuna fiżika jew ġuridika tkun qiegħdet** ġugarell fis-suq **f'isimha** jew bil-marka kummerċjali **tagħha**, jew **timmodifika** ġugarell li jkun digħà tqiegħed fis-suq b'tali mod li tkun tista' tiġi affettwata l-konformità mar-rekwiżiti applikabbi ta' dan ir-Regolament.

**Emenda 116**

**Proposta għal regolament  
Kapitolo IIA (ġdid) – Artikolu 12a (ġdid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Kapitolu IIA**

**Obbligi tas-swieq online**

**Artikolu 12a**

**Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-fornituri tas-swieq online għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2023/988.**

**Emenda 117**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 13 – titolu**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Preżunzjoni ta' konformità

Preżunzjoni ta' konformità **tal-ġugarelli**

## Emenda 118

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttiorja

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta'  
**implimentazzjoni**, tistabbilixxi  
speċifikazzjonijiet komuni għar-rekwiżiti  
tas-sikurezza essenzjali **diment li** jiġu  
ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti  
**delegati li jissupplimentaw dan ir-Regolament**, tistabbilixxi  
speċifikazzjonijiet komuni għar-rekwiżiti  
tas-sikurezza essenzjali **biss meta** jiġu  
ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

## Emenda 119

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) **ma jkun hemm l-ebda standard armonizzat li jkopri dawk ir-rekwiżiti li referenza tiegħu tkun ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, jew l-istandard ma jkunx jissodisfa ir-rekwiżiti maħsub biex ikopri;**

(a) **il-Kummissjoni tkun talbet, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament 1025/2012, lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar biex tabbozza jew tirrevedi l-istandards Ewropej għal dawk ir-rekwiżiti u:**

**(i) it-talba ma tkunx ġiet aċċettata; jew**

**(ii) l-istandards armonizzati li jindirizzaw dik it-talba ma jintbagħtux sal-iskadenza stabbilita f'konformità mal-**

**Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012; jew**

**(iii) I-standards armonizzati ma jkunux konformi mat-talba; u**

## **Emenda 120**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b – parti introduttora**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**(b) il-Kummissjoni tkun talbet, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament 1025/2012, lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar biex tabbozza jew tirrevedi l-standards Ewropej għal dawk ir-rekwiżiti, u tiġi ssodisfata xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:**

*Emenda*

**(b) ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda referenza għal standards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tal-prodott f'Il-Ġurnal Ufficijal tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 u l-ebda tali referenza ma tkun mistennija li se tiġi ppubblikata fi żmien raġonevoli.**

## **Emenda 121**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b – punt 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**(1) it-talba ma tkun ġiet aċċettata mill-ebda organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni li tkun ġiet indirizzata lilha;**

*Emenda*

**imħassar**

## **Emenda 122**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b – punt 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- (2) *it-talba tkun ġiet aċċettata minn tal-anqas waħda mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni li t-talba tkun ġiet indirizzata lilhom, iżda l-istandardi Ewropej mitluba ma jkunux:*
- (a) *ġew adottati sal-iskadenza stabbilita fit-talba;*
- (b) *konformi mat-talba; jew*
- (c) *jissodisfaw ir-rekwiżiti maħsuba biex ikopru.*
- imħassar*

**Emenda 123**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 50(3).*
- imħassar*

**Emenda 124**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġidid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- 2a. Meta tkun qed tħejji l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tqis il-fehmiet tal-korpi rilevanti*

*u tal-gruppi ta' esperti.*

## Emenda 125

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Meta r-referenzi ta' standard armonizzat jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-atti ta' **implementazzjoni** msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan I-Artikolu li jkopru l-istess rekwiżit tas-sikurezza essenzjali jeħtiġux li jitħassru jew jiġi emendati.

*Emenda*

3. Meta r-referenzi ta' standard armonizzat jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-atti **delegati** msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan I-Artikolu li jkopru l-istess rekwiżit tas-sikurezza essenzjali jeħtiġux li jitħassru jew jiġi emendati.

## Emenda 126

### Proposta għal regolament Kapitolu IV – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

PASSAPORT TAL-PRODOTTI

*Emenda*

PASSAPORT **DIĠITALI** TAL-PRODOTTI

## Emenda 127

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – titolu

*Test propos mill-Kummissjoni*

Passaport tal-prodotti

*Emenda*

Passaport **diġitali** tal-prodotti

## **Emenda 128**

### **Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1**

*Test propos mill-Kummissjoni*

1. Qabel ma jqiegħdu ġugarell fis-suq, il-manifatturi għandhom **joħolqu** passaport tal-prodotti għal dak il-ġugarell. Il-passaport tal-prodotti għandu jissodisfa r-rekwiżiċi stabbiliti f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 18.

*Emenda*

1. Qabel ma jqiegħdu ġugarell fis-suq, il-manifatturi għandhom **iħejju** passaport **diġitali** tal-prodotti għal dak il-ġugarell. Il-passaport **diġitali** tal-prodotti għandu jissodisfa r-rekwiżiċi stabbiliti f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 18 *u f'leġiżlazzjoni armonizzata rilevanti oħra tal-Unjoni li tirrikjedi dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE u għandu jissostitwixxi d-dikjarazzjonijiet ta' konformità kollha tal-UE meħtieġa.*

## **Emenda 129**

### **Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 2 – parti introduttora**

*Test propos mill-Kummissjoni*

2. Il-passaport tal-prodotti għandu:

*Emenda*

2. Il-passaport **diġitali** tal-prodotti għandu:

## **Emenda 130**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 17 – paragrafu 2– punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) jiddikjara li ***I-prodott hu konformi*** tal-ġugarell mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u, b'mod partikolari, ir-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali;

*Emenda*

(b) jiddikjara li ***I-konformità*** tal-ġugarell mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u ***f'leġiżlazzjoni oħra armonizzata tal-Unjoni li tirrikjedi dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE***, b'mod partikolari, ir-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali, ***intweriet;***

**Emenda 131**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt f**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(f) ikun aċċessibbli għall-konsumaturi jew għal utenti finali oħra, għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, għall-awtoritajiet doganali, għall-korpi notifikati, għall-Kummissjoni u għal operaturi ekonomiċi oħra;

*Emenda*

(f) ***skont id-drittijiet ta' aċċess,*** ikun aċċessibbli għall-konsumaturi jew għal utenti finali oħra, għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, għall-awtoritajiet doganali, għall-korpi notifikati, għall-Kummissjoni u għal operaturi ekonomiċi oħra ***f'konformità mal-paragrafu 2a u filwaqt li titqies il-ħtieġa li tiġi protetta informazzjoni kummerċjali kunkfidenzjali u sigħriet kummerċjali f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/943;***

**Emenda 132**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt g**

*Test proposi mill-Kummissjoni*

(g) ikun disponibbli għal perjodu ta' 10 snin ***minn meta l-ġugarell*** ikun tqiegħed fis-suq, anki f'każijiet ta' insolvenza, likwidazzjoni jew waqfien tal-attività fl-Unjoni tal-operatur ekonomiku li jkun ħoloq il-passaport tal-prodotti;

*Emenda*

(g) ikun disponibbli għal perjodu ta' 10 snin ***wara li l-aħħar artiklu tal-mudell tal-ġugarell*** ikun tqiegħed fis-suq, anki f'każijiet ta' insolvenza, likwidazzjoni jew waqfien tal-attività fl-Unjoni tal-operatur ekonomiku li jkun ħoloq il-passaport ***diġitali*** tal-prodotti;

**Emenda 133**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt i**

*Test proposi mill-Kummissjoni*

(i) jissodisfa r-rekwiżiti speċifiċi u tekniċi stabbiliti skont il-paragrafu 10.

*Emenda*

(i) jissodisfa r-rekwiżiti speċifiċi u tekniċi stabbiliti skont il-paragrafu 10 ***sabieej jiffaċilita l-verifikasi tal-konformità tal-prodott mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.***

**Emenda 134**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 17 – paragrafu 2a (ġidid)**

*Test proposi mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. Id-drittijiet ta' aċċess imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (f) ta' dan l-Artikolu għandhom jinkludu:***

***(a) informazzjoni aċċessibbli għall-konsumaturi jew għal utenti finali oħra elenkti fil-punti (c), (d), (i), (j), (ja), (jb) u***

*(jc) tal-Parti I tal-Anness VI u, meta applikabbli, il-punti (a) u (b) tal-Parti II tal-Anness VI;*

*(b) informazzjoni aċċessibbli biss għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, għall-awtoritajiet doganali, għall-korpi notifikati, u għall-Kummissjoni elenkata fil-punti (a) sa (j) tal-Parti I tal-Anness VI u, meta applikabbli, il-punti (a) u (b) tal-Parti II tal-Anness VI.*

## Emenda 135

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-passaport tal-prodotti jista' jkun fih l-informazzjoni stabbilita fil-Parti II tal-Anness VI.

#### *Emenda*

3. Minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-passaport **diġitali** tal-prodotti jista' jkun fih l-informazzjoni stabbilita fil-Parti II tal-Anness VI.

## Emenda 136

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. **Billi joħloq il-passaport** tal-prodotti, il-manifattur għandu jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-ġugarell ma' dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

4. **Bil-ħolqien tal-passaport diġitali** tal-prodotti, il-manifattur għandu jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-ġugarell ma' dan ir-Regolament **u ma'** **kwalunkwe leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ġugarelli.**

## Emenda 137

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. It-trasportatur tad-data għandu jkun preżenti fiżikament fuq il-ġugarell jew fuq tikketta mwaħħla mal-ġugarell, f'konformità mal-att ta' implementazzjoni adottat f'konformità mal-paragrafu 10. Fil-każ tal-ġugarelli żgħar u tal-ġugarelli magħmula minn partijiet żgħar, it-trasportatur tad-data ***jista' inkella*** jitwaħħal mal-imballaġġ tiegħu. Dan għandu jkun viżibbli b'mod ċar għall-konsumatur qabel ix-xiri u għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, inkluż meta l-ġugarell ikun disponibbli ***b'bejgħ*** mill-bogħod.

#### *Emenda*

5. It-trasportatur tad-data għandu jkun preżenti fiżikament fuq il-ġugarell jew fuq tikketta mwaħħla mal-ġugarell, f'konformità mal-att ta' implementazzjoni adottat f'konformità mal-paragrafu 10. Fil-każ tal-ġugarelli żgħar u tal-ġugarelli magħmula minn partijiet żgħar, it-trasportatur tad-data ***għandu*** jitwaħħal mal-imballaġġ tiegħu. Dan għandu jkun viżibbli b'mod ċar għall-konsumatur qabel ix-xiri u għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, inkluż meta l-ġugarell ikun disponibbli ***permezz ta' bejgħ*** mill-bogħod.

## Emenda 138

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

7. Meta leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li tapplika għall-ġugarelli teżiġi passaport tal-prodotti, għandu jinħoloq passaport tal-prodotti uniku għall-ġugarelli, li jkun fih l-informazzjoni meħtieġa skont dan ir-Regolament ***u*** kull informazzjoni oħra meħtieġa għall-passaport tal-prodotti skont dik il-leġiżlazzjoni l-oħra tal-Unjoni.

#### *Emenda*

7. Meta leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li tapplika għall-ġugarelli teżiġi passaport ***diġitali*** tal-prodotti, għandu jinħoloq passaport ***diġitali*** tal-prodotti uniku għall-ġugarelli, li jkun fih l-informazzjoni meħtieġa skont dan ir-Regolament ***kif ukoll*** kull informazzjoni oħra meħtieġa għall-passaport ***diġitali*** tal-prodotti skont dik il-leġiżlazzjoni l-oħra tal-Unjoni.

## Emenda 139

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 8

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**8. B'deroga mill-paragrafu 2, il-punt (c), meta r-rekwiżiti tal-informazzjoni relatati ma' sustanzi tat-tħassib fil-ġugarelli jiġu stabbiliti f'att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament .../... [OP please insert: the Ecodesign for Sustainable Products Regulation], l-informazzjoni msemmija fil-Parti I, il-punt (k), tal-Anness VI ta' dan ir-Regolament ma tibqax meħtieġa.**

*imħassar*

## Emenda 140

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 10 – subparagrafu 1 – parti introduttiorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' **implimentazzjoni li jiddeterminaw ir-rekwiżiti spċifici u** tekniċi relatati mal-passaport tal-prodotti għall-ġugarelli. Dawk ir-rekwiżiti għandhom ikopru dan li ġej:

Il-Kummissjoni għandha **s-setgħa li** tadotta atti **delegati f'konformità mal-Artikolu 47 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddetermina r-rekwiżiti tekniċi **bażiċi** relatati mal-passaport **diġitali** tal-prodotti għall-ġugarelli **sa.....[12-il xahar wara d-dħul fis-seħħi ta' dan ir-Regolament]**. Dawk ir-rekwiżiti għandhom ikopru **b'mod partikolari** dan li ġej:**

## Emenda 141

## Proposta għal regolament

### Artikolu 17 – paragrafu 10 – subparagrafu 1 – punt d

#### *Test proposet mill-Kummissjoni*

(d) I-atturi li jistgħu jintroduċu jew jaġġornaw l-informazzjoni fil-passaport tal-prodotti, inkluż meta jeħtieġ jinħoloq passaport ġdid, inkluż il-manifatturi, il-korpi notifikati, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u l-Kummissjoni, jew xi organizzazzjoni li taġixxi f'isimhom, u t-tipi ***tal-informazzjoni*** li jistgħu jintroduċu jew jaġġornaw.

#### *Emenda*

(d) I-atturi li jistgħu jintroduċu jew jaġġornaw l-informazzjoni fil-passaport ***diġitali*** tal-prodotti, inkluż meta jeħtieġ jinħoloq passaport ġdid, inkluż il-manifatturi, il-korpi notifikati, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u l-Kummissjoni, jew xi organizzazzjoni li taġixxi f'isimhom, u t-tipi ***ta' informazzjoni*** li jistgħu jintroduċu jew jaġġornaw.

### Emenda 142

## Proposta għal regolament

### Artikolu 17 – paragrafu 10 – subparagrafu 2

#### *Test proposet mill-Kummissjoni*

Dawk l-atti ta' ***implementazzjoni*** għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu **50(3)**.

#### *Emenda*

Dawk l-atti ***delegati*** għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu **46(2)**.

### Emenda 143

## Proposta għal regolament

### Artikolu 18 – titolu

#### *Test proposet mill-Kummissjoni*

Id-disinn tekniku u t-tħaddim tal-passaport tal-prodotti

#### *Emenda*

Id-disinn tekniku u t-tħaddim tal-passaport ***diġitali*** tal-prodotti

## Emenda 144

### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragraph 1

#### *Test propos mill-Kummissjoni*

- Il-passaporti tal-prodotti għandhom ikunu interoperabbli għalkollox mal-passaporti tal-prodotti meħtieġa skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni fir-rigward tal-aspetti tekniċi, semantiċi u organizzattivi tal-komunikazzjoni minn tarf sa tarf u tal-iskambju tad-data.

#### *Emenda*

- Il-passaporti **diġitali** tal-prodotti għandhom ikunu interoperabbli għalkollox mal-passaporti **diġitali** tal-prodotti meħtieġa skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni fir-rigward tal-aspetti tekniċi, semantiċi u organizzattivi tal-komunikazzjoni minn tarf sa tarf u tal-iskambju tad-data.

## Emenda 145

### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 2

#### *Test propos mill-Kummissjoni*

- L-informazzjoni kollha inkluża fil-passaport tal-prodotti għandha tkun ibbażata fuq standards trasparenti żviluppati b'format interoperabbli **u** għandha tkun tista' tingara mill-magni, tkun strutturata u jkun **jista' jsir tiftix għaliha.**

#### *Emenda*

- L-informazzjoni kollha inkluża fil-passaport **diġitali** tal-prodotti għandha tkun ibbażata fuq standards miftuħha żviluppati b'format interoperabbli, **inkluż għall-fini tat-trażmissjoni tal-informazzjoni permezz tas-Safety Business Gateway u l-Portal Safety Gate msemmija fl-Artikoli 27 u 34 tar-Regolament 2023/988. Din għandha tkun tista' tingara mill-magni, tkun strutturata u tkun tista' titfittex f'konformità mar-rekwiżiti esenzjali stabbiliti fir-Regolament .../... [Ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli]. Il-passaport **diġitali** tal-prodotti għandu jitfassal u jitħaddem b'mod aċċessibbli, u għandu jinkorpora l-prinċipju tas-sigurtà**

*u tal-privatezza mid-disinn.*

## Emenda 146

### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-konsumaturi jew utenti finali oħra, l-operaturi ekonomiċi u atturi rilevanti oħra għandu jkollhom aċċess bla īlas għall-passaport tal-prodotti.

*Emenda*

3. Il-konsumaturi jew utenti finali oħra, l-operaturi ekonomiċi u atturi rilevanti oħra għandu jkollhom aċċess bla īlas għall-passaport **diġitali**-prodotti **abbażi tad-drittijiet ta'** aċċess **rispettivi tagħhom f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.**

## Emenda 147

### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 3a (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a.** Il-konsumaturi ma għandhom jintalbujniż-żlu u jinstallaw l-ebda software, u lanqas ma għandhom jintalbu jirreġistraw, jew jipprovdu password biex jaċċessaw il-passaport digiitali tal-prodott.

## Emenda 148

### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 4

*Test propos mill-Kummissjoni*

4. Id-data inkluża fil-passaport tal-prodotti għandha tinħażen mill-operatur ekonomiku responsabbi għall-ħolqien tiegħu jew minn operaturi awtorizzati li jaġixxu f'ismu.

*Emenda*

4. Id-data inkluża fil-passaport **diġitali** tal-prodotti għandha tinħażen mill-operatur ekonomiku responsabbi għall-ħolqien tiegħu jew minn operaturi awtorizzati li jaġixxu f'ismu.

**Emenda 149**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 18 – paragrafu 5**

*Test propos mill-Kummissjoni*

5. Meta d-data inkluża fil-passaport tal-prodotti tinħażen jew tiġi pproċessata b'mod ieħor minn operatur awtorizzat li jaġixxi f'isem l-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu l-ġugarell fis-suq, dak l-operatur l-ieħor ma għandux ikunu jista' jbigħ, jerġa' juża jew jipproċessa tali data, b'mod sħiħ jew parżjali, lil hinn minn dak meħtieġ għall-forniment tas-servizzi rilevanti tal-ħżin jew tal-ipproċessar.

*Emenda*

5. Meta d-data inkluża fil-passaport **diġitali** tal-prodotti tinħażen jew tiġi pproċessata b'mod ieħor minn operatur awtorizzat li jaġixxi f'isem l-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu l-ġugarell fis-suq, dak l-operatur l-ieħor ma għandux ikunu jista' jbigħ, jerġa' juża jew jipproċessa tali data, b'mod sħiħ jew parżjali, lil hinn minn dak meħtieġ għall-forniment tas-servizzi rilevanti tal-ħżin jew tal-ipproċessar.

**Emenda 150**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 18 – paragrafu 6**

*Test propos mill-Kummissjoni*

6. L-operaturi ekonomiċi ma **jistgħux jittraċċaw, janalizzaw jew jużaw informazzjoni dwar l-użu għal finijiet oħra**

*Emenda*

6. L-operaturi ekonomiċi ma **għandhomx jittraċċaw, janalizzaw jew jużaw informazzjoni dwar l-użu għal finijiet oħra**

għajr dak assolutament meħtieġ biex tingħata l-informazzjoni dwar il-passaport tal-prodotti online.

oħra għajr dak *li jkun assolutament u strettamente* meħtieġ biex tingħata l-informazzjoni dwar il-passaport *diġitali* tal-prodotti online.

## Emenda 151

### Proposta għal regolament Artikolu 19 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

Reġistru tal-passaporti tal-prodotti

*Emenda*

Reġistru tal-passaporti *diġitali* tal-prodotti

## Emenda 152

### Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Qabel ma jqiegħdu ġugarell fis-suq, l-operaturi ekonomiċi għandhom itellgħu l-identifikatur uniku tal-prodott u l-identifikatur uniku tal-operatur għal dak il-ġugarell fir-reġistru stabilit skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) .../... [OP please insert serial number for Ecodesign Requirements for Sustainable Products] (“ir-reġistru”),.

*Emenda*

1. Qabel ma jqiegħdu ġugarell fis-suq, *u wara l-adozzjoni ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17(10) ta' dan ir-Regolament*, l-operaturi ekonomiċi għandhom itellgħu l-identifikatur uniku tal-prodott u l-identifikatur uniku tal-operatur għal dak il-ġugarell fir-reġistru stabilit skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) .../... [*ĠU jekk jogħġibok daħħal in-numru tas-serje għar-Rekwiżiti tal-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli*] (“ir-reġistru”).

## Emenda 153

**Proposta għal regolament  
Artikolu 19 – paragrafu 2**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

2. Il-Kummissjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet doganali għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni maħżuna fir-reġistru msemmi fil-paragrafu 1 biex jaqdu dd-dmirijiet tagħhom skont dan ir-Regolament.

*Emenda*

2. Il-Kummissjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet doganali għandu jkollhom aċċess għall-effiċjenti informazzjoni maħżuna fir-reġistru msemmi fil-paragrafu 1 biex jaqdu dd-dmirijiet tagħhom skont dan ir-Regolament.

**Emenda 154**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 20 – titolu**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

Kontrolli doganali relatati mal-passaport tal-prodotti

*Emenda*

Kontrolli doganali relatati mal-passaport **diġitali** tal-prodotti

**Emenda 155**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 20 – paragrafu 7**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

7. L-awtoritajiet doganali jistgħu jiksbu u jużaw l-informazzjoni dwar il-ġugarelli inkluża fil-passaport tal-prodotti u fir-reġistru biex iwettqu l-kompli tagħhom skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, inkluż għall-ġestjoni tar-riskji f'konformità mal-Artikoli 46 u 47 tar-Regolament (UE) Nru

*Emenda*

7. L-awtoritajiet doganali jistgħu jiksbu u jużaw l-informazzjoni dwar il-ġugarelli inkluża fil-passaport **diġitali** tal-prodotti u fir-reġistru biex iwettqu l-kompli tagħhom skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, inkluż għall-ġestjoni tar-riskji f'konformità mal-Artikoli 46 u 47 tar-Regolament (UE) Nru

**Emenda 156****Proposta għal regolament  
Artikolu 20a (ġidid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda****Artikolu 20a******Assistenza għall-SMEs***

**1. Il-Kummissjoni għandha tiprovd assistenza komprenziva, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, lill-SMEs li huma meħtieġa jistabbilixxu passaport digħitali tal-prodotti għall-ġugarelli, billi tiprovdilhom gwida mfassla apposta dwar kif jistabbilixxu u jħaddmu b'mod effiċjenti passaport digħitali tal-prodotti għall-ġugarelli u għodda ta' traduzzjoni awtomatika għal-lingwi msemmija fl-Artikolu 17(2), il-punt (e).**

*Dan l-appoġġ, imsemmi fl-ewwel subparagrafu, għandu jingħata mhux aktar tard minn ....[12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*

**2. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-possibbiltà li tistabbilixxi għodda online biex tiprovd iż-żgħix bl-informazzjoni bażika u bil-funzjonijiet meħtieġa biex jistabbilixxu passaport digħitali tal-prodotti għall-ġugarelli tagħhom.**

**Emenda 157****Proposta għal regolament  
Artikolu 21 – paragrafu 1**

*Test propos mill-Kummissjoni*

1. Biex juru li **I-ġugarell ikun** konformi mar-rekwiżiti tas-sikurezza essenziali, il-manifatturi għandhom, qabel ma jqiegħdu I-ġugarell fis-suq, iwettqu valutazzjoni tas-sikurezza **li tkun tinkludi analiżi tal-perikli li I-ġugarell jista' joħloq u valutazzjoni tal-esponent** potenzjali għal **dawk il-perikli.**

*Emenda*

1. Biex juru li **ġugarell huwa** konformi mar-rekwiżiti tas-sikurezza essenziali, il-manifatturi għandhom, qabel ma jqiegħdu I-ġugarell fis-suq, iwettqu valutazzjoni tas-sikurezza **li għandha mill-inqas:**

(a) **tkopri I-perikli kimiċi, fiżiċi, mekkaniċi, elettriċi, tal-fjammabbiltà, tal-iġjene u tar-radjuattività kollha u I-esponent** potenzjali għal **tali perikli;**

(b) **fir-rigward tal-perikli kimiċi, tqis I-esponent possibbli għal sustanzi kimiċi individwali, u kwalunkwe periklu addizzjonali magħruf minn esponent ikkombinat għas-sustanzi kimiċi differenti preżenti fil-ġugarell, filwaqt li tqis I-obbligi skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u I-kundizzjonijiet stabbiliti fi;**

(c) **tiġi aġġornata kull meta jkun hemm informazzjoni rilevanti addizzjonali.**

**Il-valutazzjoni tas-sikurezza għandha tiġi inkluża fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 23.**

**Emenda 158**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 21 – paragrafu 2**

*Test propos mill-Kummissjoni*

**2. Il-valutazzjoni tas-sikurezza għandha b'mod partikolari:**

(a) **tkopri I-perikli kimiċi, fiżiċi, mekkaniċi, elettriċi, tal-fjammabbiltà, tal-**

*Emenda*

**imħassar**

*iġjene u tar-radjuattività kollha, u l-esponiment potenzjali għal dawk il-perikli;*

*(b) fir-rigward tal-perikli kimiċi, tqis l-esponiment possibbli għal sustanzi kimiċi individwali, u kwalunkwe periklu addizzjonali magħruf minn esponiment ikkombinat għas-sustanzi kimiċi differenti preżenti fil-ġugarell, filwaqt li tqis l-obbligi skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u l-kundizzjonijiet stabbiliti fih;*

*(c) tiġi aġġornata kull meta jkun hemm informazzjoni rilevanti addizzjonali.*

*Il-valutazzjoni tas-sikurezza għandha tiġi inkluża fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 23.*

## **Emenda 159**

### **Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 3 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) meta wieħed jew aktar mill-istandard armonizzati imsemmijin fil-punt  
(a) ikun ġie ppubblikat b'restrizzjoni;

*Emenda*

(c) meta wieħed jew aktar mill-istandard armonizzati imsemmijin fil-punt  
(a) ikun ġie ppubblikat b'restrizzjoni, *fil-każ li r-restrizzjoni tkun rilevanti għall-ġugarell inkwistjoni;*

## **Emenda 160**

### **Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 4**

*Test propos mill-Kummissjoni*

4. Awtorità notifikanti ma għandhiex toffri jew tagħmel xogħol li jagħmlu l-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità, **jew** toffri jew tippovdi servizzi tal-konsulenza b'mod kummerċjali jew kompetittiv.

*Emenda*

4. Awtorità notifikanti ma għandhiex toffri jew tagħmel xogħol li jagħmlu l-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità, **u lanqas ma għandha** toffri jew tippovdi servizzi tal-konsulenza b'mod kummerċjali jew kompetittiv, **madankollu, l-awtorità notifikanti għandha tippovdi informazzjoni lill-operaturi ekonomiċi dwar il-proċeduri għall-valutazzjoni u lill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità jekk tintalab tagħmel dan.**

### Emenda 161

**Proposta għal regolament  
Artikolu 26 – paragrafu 6**

*Test propos mill-Kummissjoni*

6. Awtorità notifikanti għandu jkollha numru biżżejjed ta' persunal kompetenti disponibbli għat-twettiq **xieraq** tal-kompli tagħha.

*Emenda*

6. Awtorità notifikanti għandu jkollha numru biżżejjed ta' persunal kompetenti **u riżorsi adegwati** disponibbli għat-twettiq **effiċjenti** tal-kompli tagħha.

### Emenda 162

**Proposta għal regolament  
Artikolu 28 – paragrafu 6 – subparagrafu 3**

*Test propos mill-Kummissjoni*

Korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jkollu **l-mezzi** meħtieġa biex iwettaq **il-kompli** tekniċi u amministrattivi

*Emenda*

Korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jkollu **r-riżorsi** meħtieġa biex iwettaq **b'mod effiċjenti** **l-kompli** tekniċi

marbuta mal-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità ***b'mod xieraq*** u għandu jkollu aċċess għat-tagħmir jew il-faċilitajiet kollha meħtieġa.

u amministrattivi marbuta mal-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità u għandu jkollu aċċess għat-tagħmir jew il-faċilitajiet kollha meħtieġa.

### Emenda 163

#### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 7 – punt b

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) għarfien ***sodisfaċenti*** tar-rekwiżiti tal-valutazzjonijiet imwettqa minnhom u awtorità xierqa biex iwettqu dawk il-valutazzjonijiet;

##### *Emenda*

(b) għarfien ***profond*** tar-rekwiżiti tal-valutazzjonijiet imwettqa minnhom u awtorità xierqa biex iwettqu dawk il-valutazzjonijiet;

### Emenda 164

#### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 7 – punt c

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) għarfien u fehim ***xierqa*** tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, tal-istandardi armonizzati applikabbli msemmija fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament u tal-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament;

##### *Emenda*

(c) għarfien u fehim ***profondi*** tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, tal-istandardi armonizzati applikabbli msemmija fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament u tal-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament;

### Emenda 165

**Proposta għal regolament  
Artikolu 28 – paragrafu 10**

*Test proposit mill-Kummissjoni*

10. Il-personal ta' korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu ***josserva*** s-segretezza professjonal fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba waqt it-twettiq tal-kompli ***tagħhom*** skont l-Anness IV, għajr b'rabta mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membru fejn jitwettqu l-attivitajiet tiegħi. Id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali għandhom ikunu protetti.

*Emenda*

10. Il-personal ta' korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu ***jirrispetta*** s-segretezza professjonal fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba waqt it-twettiq tal-kompli ***tiegħu*** skont l-Anness IV, għajr b'rabta mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membru fejn jitwettqu l-attivitajiet tiegħi. Id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali ***u s-sigieti kummerċjali, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/943***, għandhom ikunu protetti.

**Emenda 166**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 41 – titolu**

*Test proposit mill-Kummissjoni*

***Proċeduri fil-livell nazzjonali għall-ġugarelli li joħolqu riskju***

*Emenda*

***Miżuri nazzjonali fir-rigward ta' ġugarelli li ma jkunux konformi mar-rekwiżiti tas-sikurezza partikolari***

**Emenda 167**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 41 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

*Test proposit mill-Kummissjoni*

Meta l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' xi Stat Membru partikolari jkollhom

*Emenda*

Meta l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' xi Stat Membru partikolari jkollhom

raġuni biżżejjed biex jemmnu li ġugarell kopert minn dan ir-Regolament joħloq riskju għas-saħħha jew is-sikurezza ***tal-persuni***, dawn għandhom jagħmlu evalwazzjoni tal-ġugarell ikkonċernat li tkun tkopri r-rekwiżiti kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw kif meħtieġ mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għal dak il-għan.

raġuni biżżejjed biex jemmnu li ġugarell kopert minn dan ir-Regolament joħloq riskju għas-saħħha jew is-sikurezza ***tat-tfal***, dawn għandhom jagħmlu evalwazzjoni tal-ġugarell ikkonċernat li tkun tkopri r-rekwiżiti kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament. ***Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-operatur ekonomiku rilevanti, f'konformità mal-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/1020, dwar il-proċedura li jkunu bdew u dwar ir-riskju possibbli li jkunu identifikaw fil-ġugarell, u jagħtu lill-operatur ekonomiku l-opportunità li jirreaġixxi.*** L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw kif meħtieġ mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għal dak il-għan.

## Emenda 168

### Proposta għal regolament Artikolu 41 – paragrafu 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

9. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2, 4, 6 u 8 ta' dan I-Artikolu għandha tīgi kkomunikata bis-sistema tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2019/1020. Dik il-komunikazzjoni ma għandhiex taffettwa l-obbligu li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jinnotifikaw il-miżuri meħuda fil-konfront ta' prodotti li joħolqu riskju serju f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2019/1020.

#### *Emenda*

9. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2, 4, 6 u 8 ta' dan I-Artikolu għandha tīgi kkomunikata bis-sistema tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2019/1020. Dik il-komunikazzjoni ma għandhiex taffettwa l-obbligu li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jinnotifikaw il-miżuri meħuda fil-konfront ta' prodotti li joħolqu riskju serju f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2019/1020 ***u jinfurzaw b'mod strett I-Artikolu 19 ta' dak ir-Regolament minħabba l-vulnerabbiltà tat-tfal għal prodotti difettużi, mhux sikuri jew kontrafatti.***

## Emenda 169

### Proposta għal regolament Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (c) il-passaport tal-prodotti ma jkunx tfassal f'konformità mal-Artikolu 17;

*Emenda*

- (c) il-passaport **diġitali** tal-prodotti ma jkunx tfassal f'konformità mal-Artikolu 17;

## Emenda 170

### Proposta għal regolament Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (d) it-trasportatur tad-data li **bih** jinkiseb aċċess għall-passaport tal-prodotti ma jkunx twaħħal f'konformità mal-Artikolu 17(5);

*Emenda*

- (d) it-trasportatur tad-data li **permezz tiegħu** jinkiseb aċċess għall-passaport **diġitali** tal-prodotti ma jkunx twaħħal f'konformità mal-Artikolu 17(5);

## Emenda 171

### Proposta għal regolament Artikolu 46 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

- Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 47 biex temenda l-Anness VI rigward l-informazzjoni li trid **titnizżeel** fil-passaport tal-prodotti, biex tadattaha għall-progress tekniku u xjentifiku u għal-livell tal-prontezza diġitali tal-awtoritajiet

*Emenda*

- Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 47 biex temenda l-Anness VI rigward l-informazzjoni li trid **tiġi provvdata** fil-passaport **diġitali** tal-prodotti, biex tadattaha għall-progress tekniku u xjentifiku u għal-livell tal-

tas-sorveljanza tas-suq u tal-utenti u tas-superviżuri tagħhom.

prontezza diġitali tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u tal-utenti u tas-superviżuri tagħhom.

## Emenda 172

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 46 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) il-ħtieġa li tkun tista' ssir il-verifikasi tal-awtentiċità tal-passaport tal-prodotti;

##### *Emenda*

(b) il-ħtieġa li tkun tista' ssir il-verifikasi tal-awtentiċità tal-passaport **diġitali** tal-prodotti;

## Emenda 251

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 46 – paragrafu 6

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 47 biex temenda l-Parti C tal-Appendiċi tal-Anness II sabiex fil-ġugarelli tippermetti ċertu użu ta' sustanza jew taħlita speċifika li tkun ipprojbita skont il-Parti III, il-punt 4 tal-Anness II, jew biex tillimita ċertu użu li jkun ġie permess.

##### *Emenda*

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 47 biex temenda l-Parti C tal-Appendiċi tal-Anness II sabiex fil-ġugarelli tippermetti, **għal perjodu speċifiku ta' żmien**, ċertu użu ta' sustanza jew taħlita speċifika li tkun ipprojbita skont il-Parti III, il-punt 4, tal-Anness II, jew biex tillimita ċertu użu li jkun ġie permess.

*Filwaqt li tivaluta t-talbiet għal eżenzjoni u t-tul ta' żmien tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis id-disponibbiltà ta' alternattivi u kwalunkwe impatt negattiv potenzjali fuq l-innovazzjoni. Fejn ikun rilevanti, għandha tapplika mentalità li tqis iċ-ċiklu tal-ħajja fuq l-impatti ġenerali tal-eżenzjoni. Sitt xhur wara d-*

*dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 47 biex temenda l-Parti C tal-Appendiċi tal-Anness II fir-rigward tan-nikil, sabiex tistabbilixxi l-perjodu ta' validità għall-eżenzjoni mill-projbizzjoni ġenerika skont il-Parti III, il-punt 4, tal-Anness II, għal-dik is-sustanza. Il-Kummissjoni għandha tiġġiustifika kwalunkwe eżenzjoni mogħtija u tagħmilha disponibbli għall-pubbliku b'mod faċilment aċċessibbli u faċli għall-utent.*

#### Emenda 174

##### Proposta għal regolament

##### Artikolu 46 – paragrafu 7 – parti introduttora

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

7. L-użu fil-ġugarelli ta' sustanza jew taħlita pprojbita skont il-Parti III, il-punt 4, tal-Anness II **jista' jkun** permess **biss meta jiġu ssodisfati** l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

###### *Emenda*

7. L-użu fil-ġugarelli ta' sustanza jew taħlita pprojbita skont il-Parti III, il-punt 4, **il-punti (a), (b), (db), (dc), (dd) u (de)** tal-Anness II **ma għandux ikun** permess **diment li ma jkunux ġew issodisfati** l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

#### Emenda 175

##### Proposta għal regolament

##### Artikolu 46 – paragrafu 7 – punt a

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) jinstab li tkun sikura mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), **b'mod partikolari fid-dawl tal-esponent, inkluż l-esponent ġenerali minn sorsi oħra, u** b'kunsiderazzjoni partikolari tal-vulnerabbiltà tat-tfal;

###### *Emenda*

(a) jinstab li tkun sikura mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) **minħabba n-nuqqas tal-possibbiltà ta' esponenti skont il-kundizzjonijiet ta' użu raġonevolment prevedibbli f'konformità mal-Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, b'kunsiderazzjoni partikolari tal-vulnerabbiltà tat-tfal;**

## **Emenda 176**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 46 – paragrafu 7 – punt aa (ġidid)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(aa) L-eliminazzjoni jew is-sostituzzjoni permezz ta' bidliet fid-disinn jew l-użu ta' materjali jew komponenti oħra mingħajr tali sustanzi jew taħlitiet ma tkunx teknikament possibbli;*

## **Emenda 177**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 46 – paragrafu 7a (ġidid)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*7a. L-użu fil-ġugarelli ta' sustanza jew taħlita pprojbita skont il-Parti III, il-punt 4, il-punti (c), (d) u (da) tal-Anness II ma għandux ikun permess diment li ma jiġux issodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:*

*(a) jinstab li tkun sikura mill-ECHA, b'mod partikolari fid-dawl tal-esponiment, inkluż l-esponiment ġeneralis mis-sorsi potenzjali kollha kif ukoll kwalunkwe periklu addizzjonali magħruf minn esponiment ikkombinat għas-sustanzi u għat-taħlitiet differenti preżenti fil-ġugarell, u filwaqt li titqies, b'mod partikolari, il-vulnerabbiltà tat-tfal;*

*(b) L-eliminazzjoni jew is-sostituzzjoni permezz ta' bidliet fid-disinn jew l-użu ta' materjali jew komponenti oħra mingħajr tali sustanzi jew taħlitiet ma tkunx teknikament possibbli;*

*(c) ma jkun hemm l-ebda sustanza jew taħlita alternattiva xierqa disponibbli, kif stabbilit mill-ECHA abbażi ta' analiżi tal-alternattivi;*

*(d) is-sustanza jew it-taħlita ma tkunx*

*iprojbita milli tintuża fl-oġġetti għall-konsumatur skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006.*

## **Emenda 252**

### **Proposta għal regolament Artikolu 46 – paragrafu 7b (ġidid)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*7b. L-eżenzjonijiet mill-projbizzjoni ġenerali f'konformità mal-paragrafi 7 u 7a għandhom ikunu limitati biziż-żmien. Il-perjodu ta' validità għal kull eżenzjoni għandu jkun soġġett għal rieżami u jista' jiġġedded, fuq bażi ta' każ b'każ għal kull sustanza jew taħlita.*

## **Emenda 178**

### **Proposta għal regolament Artikolu 46 – paragrafu 9**

*Test propos mill-Kummissjoni*

9. Għall-finijiet tal-paragrafi 6 **u 7**, il-Kummissjoni għandha tevalwa b'mod sistematiku u regolari l-okkorrenza ta'sustanzi jew taħlitiet kimiċi perikolużi fil-ġugarelli. F'dawn l-evalwazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tqis ir-rapporti tal-korpi tas-sorveljanza tas-suq u l-evidenza xjentifika ppreżentata mill-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati.

*Emenda*

9. Għall-finijiet tal-paragrafi 6 - **8**, il-Kummissjoni għandha tevalwa b'mod sistematiku u regolari l-okkorrenza ta'sustanzi jew taħlitiet kimiċi perikolużi fil-ġugarelli. F'dawn l-evalwazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tqis ir-rapporti tal-korpi tas-sorveljanza tas-suq u l-evidenza xjentifika ppreżentata mill-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati.

## **Emenda 179**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 47 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 46 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal **żmien mhux determinat**.

*Emenda*

2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 46 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal **ħames snin minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħi ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod tacitū għal perjodi ta' durata identika, diment li I-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jogżejjonax tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.**

**Emenda 180**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 47 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-experti deżinjati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

*Emenda*

4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta **mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u** mal-experti deżinjati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

**Emenda 181**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 47 – paragrafu 6**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

6. Atti delegati adottati skont l-Artikolu 46 għandhom jidħlu fis-seħħ biss jekk ma ssir l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien **xahrejn** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż **b'xahrejn** wara inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Emenda*

6. Atti delegati adottati skont l-Artikolu 46 għandhom jidħlu fis-seħħ biss jekk ma ssir l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien **tliet xhur** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż **bi tliet xhur** wara inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

**Emenda 182**  
**Proposta għal regolament  
Artikolu 48 – paragrafu 1**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

1. It-talbiet għal valutazzjoni ta' sustanza jew taħlita pprojbita skont **il-punt 4 tal-Parti III** tal-Anness II għall-finijiet tal-Artikolu 46(6) għandhom jiġu ppreżentati lill-ECHA bil-format u bl-għodod għas-sottomissjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

*Emenda*

1. It-talbiet għal valutazzjoni ta' sustanza jew taħlita pprojbita skont **il-Parti III, il-punt 4**, tal-Anness II għall-finijiet tal-Artikolu 46(6) għandhom jiġu ppreżentati lill-ECHA bil-format u bl-għodod għas-sottomissjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. **It-talbiet għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku b'mod faċilment accessible u faċli għall-utent.**

**Emenda 183**  
**Proposta għal regolament  
Artikolu 48 – paragrafu 2**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Kull persuna li tippreżenta talba għal valutazzjoni skont il-paragrafu 1 tista' titlob li ġerta informazzjoni ma tkunx disponibbli għall-pubbliku. Mat-talba għall-kunfidenzjalitā għandha tinhemeż ġustifikazzjoni dwar għalfejn l-iżvelar tal-informazzjoni jista' jagħmel ħsara lill-interessi kummerċjali tal-persuna li tippreżenta t-talba għal valutazzjoni jew ta' xi parti oħra kkonċernata.

2. *Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu*, kull persuna li tippreżenta talba għal valutazzjoni skont il-paragrafu 1 tista' titlob li ġerta informazzjoni **kummerċjali kunkfidenzjali** ma tkunx disponibbli għall-pubbliku **f'konformità mad-dritt rilevanti tal-Unjoni**. Mat-talba għall-kunfidenzjalitā għandha tinhemeż ġustifikazzjoni dwar għalfejn l-iżvelar tal-informazzjoni jista' jagħmel ħsara lill-interessi kummerċjali tal-persuna li tippreżenta t-talba għal valutazzjoni jew ta' xi parti oħra kkonċernata.

*L-informazzjoni li ġejja miżmuma mill-ECHA għandha ssir disponibbli għall-pubbliku, bla ħlas, u f'format faċili għall-utent:*

- (a) *isem il-persuna ġuridika li tagħmel it-talba;*
- (b) *l-isem tas-sustanza jew tat-taħlita li għaliha jkun hemm talba għal eżenzjoni;*
- (c) *it-tip ta' ġugarell jew il-komponent tal-ġugarell;*
- (d) *il-pjan ta' sostituzzjoni, meta rilevanti;*

**Emenda 184**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 48 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-ECHA għandha tfassal u tagħmel disponibbli għall-pubbliku il-format u l-għodod għas-sottomissjoni tat-talbiet għal valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 kif ukoll gwida teknika u xjentifika dwar kif jiġi ppreżentati dawn it-talbiet.

*Emenda*

3. *Qabel ... [l-ewwel jum tax-xahar, xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-ECHA għandha tfassal u tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-format u l-għodod għas-sottomissjoni tat-talbiet għal valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 kif ukoll gwida teknika u xjentifika dwar kif jiġi ppreżentati dawn it-talbiet.*

**Emenda 185**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 49 – paragrafu 1**

*Test propos mill-Kummissjoni*

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 46(6), l-ECHA għandha tipprovd opinjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-użu fil-ġugarelli ta' sustanzi jew taħlitiet ipprojbiti skont il-Parti III, il-punt 4 tal-Anness II, meta talba għal valutazzjoni tīgħi ppreżentata lilha f'konformità mal-Artikolu 48(1). Fl-opinjonijiet tagħha, l-ECHA għandha tivvaluta jekk il-kriterji stabbiliti ***fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 46(6)(a) u (b)***, humiex ***qed jiġu ssodisfati jew le*** għal użu speċifiku.

*Emenda*

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 46(6), l-ECHA għandha tipprovd opinjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-użu fil-ġugarelli ta' sustanzi jew taħlitiet ipprojbiti skont il-Parti III, il-punt 4 tal-Anness II, meta talba għal valutazzjoni tīgħi ppreżentata lilha f'konformità mal-Artikolu 48(1). Fl-opinjonijiet tagħha, l-ECHA għandha tivvaluta jekk il-kriterji stabbiliti ***fl-Artikolu 46(7) u fl-Artikolu 46(7a)***, humiex ***issodisfati*** għal użu speċifiku.

**Emenda 186**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 49 – paragrafu 1a (ġidid)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1a. Il-Kummissjoni għandha toħroġ linji gwida dwar kif għandha titwettaq din il-valutazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-disponibbiltà ta' sustanzi jew taħlitiet alternattivi u kif għandhom jiġu indirizzati l-effetti ta' esponent ikkombinat skont dan ir-Regolament.***

**Emenda 187**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 49 – paragrafu 2**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. L-ECHA tista' titlob lill-persuna li tippreżenta t-talba għal valutazzjoni jew lil

2. L-ECHA tista' titlob lill-persuna li tippreżenta t-talba għal valutazzjoni jew lil

xi parti terza biex tippreżenta informazzjoni addizzjonali fi żmien speċifikat. L-ECHA għandha tqis kull informazzjoni ppreżentata mill-partijiet terzi.

xi parti terza biex tippreżenta informazzjoni addizzjonali fi żmien speċifikat. L-ECHA għandha tqis kull informazzjoni ppreżentata mill-partijiet terzi. *Meta l-ECHA tqis li jkun meħtieġ għad-determinazzjoni ta' perjodu ta' validità adegwat għall-eżenzjoni, hija tista' titlob ukoll lill-persuna li tippreżenta t-talba għal valutazzjoni biex tissottometti pjan ta' sostituzzjoni.*

**Emenda 188**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 49 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-opinjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni fi żmien 12-il xahar mill-wasla tat-talba għal valutazzjoni.

*Emenda*

3. L-opinjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni *u jkunu disponibbli għall-pubbliku b'mod faċilment aċċessibbli u faċli għall-utent* fi żmien 12-il xahar mill-wasla tat-talba għal valutazzjoni.

**Emenda 189**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 49 – paragrafu 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. Il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni tal-ECHA dwar l-użu fil-ġugarelli ta' sustanzi jew taħlitiet elenkat fil-Parti C tal-Appendiċi tal-Anness II malli l-Kummissjoni ssir konxja ta' informazzjoni xjentifika *ġdidha li tista' taffettwa* l-użu permess ta' sustanza jew taħlita speċifika fil-ġugarelli.

*Emenda*

6. Il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni tal-ECHA dwar l-użu fil-ġugarelli ta' sustanzi jew taħlitiet elenkat fil-Parti C tal-Appendiċi tal-Anness II malli l-Kummissjoni ssir konxja ta' informazzjoni xjentifika *jew żviluppi tekniċi ġodda* li jistgħu jaffettwaw l-użu permess ta' sustanza jew taħlita speċifika fil-ġugarelli.

**Emenda 190**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 49 – paragrafu 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

7. Għall-finijiet tal-Artikolu 46(7), il-Kummissjoni tista' titlob l-opinjoni tal-ECHA dwar is-sikurezza ta' sustanza jew taħlita speċifika fil-ġugarelli, *li din għandha tqis l-esponent ġenerali għas-sustanza jew għat-tħallita minn sorsi oħra u l-vulnerabbiltà tat-tfal.*

*Emenda*

7. Għall-finijiet tal-Artikolu 46(7), **(7a) u (8)**, il-Kummissjoni tista' titlob l-opinjoni tal-ECHA dwar is-sikurezza ta' sustanza jew taħlita speċifika fil-ġugarelli.

**Emenda 191**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 49 – paragrafu 8a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**8a. L-ECHA għandha tingħata r-riżorsi adegwati biex tiġi appoġġata l-ħidma tagħha.**

**Emenda 192**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 51 – paragrafu 1 – parti introduttiorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-korpi notifikati u l-Kummissjoni għandhom jirrispettaw il-kunfidenzjalità ta' dawn l-informazzjoni u d-data li jiksbu waqt it-twettiq tal-kompli tagħhom f'konformità ma' dan ir-Regolament:

*Emenda*

1. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-korpi notifikati, **I-ECHA** u l-Kummissjoni għandhom jirrispettaw il-kunfidenzjalità ta' dawn l-informazzjoni u d-data li jiksbu waqt it-twettiq tal-kompli tagħhom f'konformità ma' dan ir-Regolament:

## Emenda 193

### Proposta għal regolament Artikolu 51 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ba) I-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari għall-finji ta' investigazzjonijiet, spezzjonijiet jew awditi.**

## Emenda 194

### Proposta għal regolament Kapitolo IXa (ġdid) – Artikolu 52a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Kapitolu IXa**

**EMENDI**

**Artikolu 52a**

**Emenda għad-Direttiva 2014/53/UE**

**Fl-Artikolu 10(3) tad-Direttiva  
2014/53/UE, jiżdied it-test li ġej:**

**“Jekk it-tagħmir tar-radju jkun f'ġugarell,  
il-passaport digiżi tal-prodotti stabbilit  
bir-Regolament (UE) 2024/... tal-  
Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'....  
dwar is-sikurezza tal-ġugarelli jinkludi  
wkoll l-elementi stabbiliti fl-Anness VI u  
fl-Anness VII ta' din id-Direttiva.”**

## Emenda 195

**Proposta għal regolament  
Artikolu 54 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-ġugarelli mqiegħda fis-suq f'konformità mad-Direttiva 2009/48/KE qabel... [OP **please insert the date = the first day of the month following 30 months after the date of entry into force of this Regulation**] may continue to be made available on the market until ... [OP **please insert the date = the first day of the month following 42 months after the date of entry into force of this Regulation**].

*Emenda*

1. Il-ġugarelli mqiegħda fis-suq f'konformità mad-Direttiva 2009/48/KE qabel ... [OP **jekk jogħġibok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar li jiġi wara 30 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħi ta' dan ir-Regolament] jistgħu jibqgħu jitqiegħdu disponibbli fis-suq sa ... [OP **jekk jogħġibok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar li jiġi wara 50 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħi ta' dan ir-Regolament].****

**Emenda 196**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 54 – paragrafu 1a (ġidid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- 1a.** Il-ġugarelli mqiegħda fis-suq f'konformità mad-Direttiva 2009/48/KE u li jkunu konformi ma' dan ir-Regolament ma għandhomx jitqiesu bħala mhux konformi biss minħabba n-nuqqas ta' passaport digħitali tal-prodotti, diment li l-istess informazzjoni li tkun tinsab fil-passaport issir disponibbli mill-manifattur fuq it-talba tal-partijiet intitolati li jkollhom aċċess għall-passaport digħitali tal-prodotti skont dan ir-Regolament.

**Emenda 197**

## **Proposta għal regolament Artikolu 54 – paragrafu 2**

### *Test propos mill-Kummissjoni*

2. Il-Kapitolu VII ta' dan ir-Regolament għandu japplika mutatis mutandis minflok l-Artikoli 42, 43 u 45 tad-Direttiva 2009/48/KE għall-ġugarelli li tqiegħdu fis-suq f'konformità ma' dik id-Direttiva qabel ... [OP **please insert date: the first day of the month following 30 months after the date of entry into force of this Regulation**], inkluż il-ġugarelli li għalihom digħi tkun bdiet proċedura skont l-Artikolu 42 jew 43 tad-Direttiva 2009/48/KE qabel ... [OP **please insert date: the first day of the month following 30 months after the date of entry into force of this Regulation**].

### *Emenda*

2. Il-Kapitolu VII ta' dan ir-Regolament għandu japplika *mutatis mutandis* minflok l-Artikoli 42, 43 u 45 tad-Direttiva 2009/48/KE għall-ġugarelli li tqiegħdu fis-suq f'konformità ma' dik id-Direttiva qabel ... [OP **jekk jogħġgbok daħħal id-data: l-ewwel jum tax-xahar li jiġi wara 30 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħi ta' dan ir-Regolament**], inkluż il-ġugarelli li għalihom digħi tkun bdiet proċedura skont l-Artikolu 42 jew 43 tad-Direttiva 2009/48/KE qabel ... [l-ewwel jum tax-xahar li jiġi wara 50 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħi ta' dan ir-Regolament].

## **Emenda 245**

## **Proposta għal regolament Artikolu 54 – paragrafu 3**

### *Test propos mill-Kummissjoni*

3. Iċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip tal-KE mahruġa f'konformità mal-Artikolu 20 tad-Direttiva 2009/48/KE għandhom jibqgħu validi sa ... [OP **please insert date: the first day of the month following 42 months after the date of entry into force of this Regulation**], sakemm ma jkunux jiskadu qabel dik id-data.

### *Emenda*

3. Iċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip tal-KE maħruġa f'konformità mal-Artikolu 20 tad-Direttiva 2009/48/KE għandhom jibqgħu validi sa ... [OP **jekk jogħġgbok daħħal id-data: l-ewwel jum tax-xahar li jiġi wara 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħi ta' dan ir-Regolament**], sakemm ma jkunux jiskadu qabel dik id-data.

## **Emenda 199**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 55 – paragrafu 1**

*Test proposal mill-Kummissjoni*

1. Sa... [*OP please insert the date = the first day of the month following 60 months after the date of entry into force of this Regulation*], u mbagħad kull 5 snin, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sejbiet ewlenin.

*Emenda*

1. Sa... [*I-ewwel jum tax-xahar li jiġi wara 68 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], u mbagħad kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sejbiet ewlenin. *Ir-rapport għandu jivvaluta:*

**1) jekk dan ir-Regolament, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet fil-Kapitolu IV, kisbux I-objettiv li jiġi żgurat livell ġholi ta' protezzjoni tas-saħħha u tas-sikurezza tat-tfal u għandu jivvaluta I-possibbiltà li jiġu inklużi ġugarelli adattivi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;**

**2) I-effett tar-Regolament fuq is-sikurezza tal-utenti tal-ġugarelli u I-funzjonament xieraq tas-suq intern, kif ukoll sommarju dettaljat tal-effetti fuq in-neozzji, inklużi I-kostijiet tal-operazzjonijiet u tal-kompetittività, b'mod partikolari għall-SMEs;**

**3) il-preżenza ta' kromju, kadmju, merkurju u ċomb fil-ġugarelli u I-effett tagħhom fuq is-sikurezza tal-utenti tal-ġugarelli.**

**Emenda 200**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 56 – paragrafu 3**

*Test propos mill-Kummissjoni*

Madankollu, l-Artikoli 17(10), 24 sa 40, u 46 sa 52, għandhom japplikaw minn... [OP:  
**please insert the date of entry into force of this Regulation.**].

*Emenda*

Madankollu, l-Artikoli **2(3)**, 17(10), 24 sa 40, u 46 sa 52, għandhom japplikaw minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħi ta' dan ir-Regolament].

### Emenda 201

**Proposta għal regolament  
Anness I – Parti II – punt 3**

*Test propos mill-Kummissjoni*

3. tagħmir tal-isports, **inkluż** roller skates, inline skates u skateboards maħsuba għat-tfal b'massa tal-ġisem ta' aktar minn **20kg**;

*Emenda*

3. tagħmir tal-isports, **inklużi** roller skates, inline skates u **mezzi oħra ta' trasport, bħal** skateboards **u scooters** maħsuba għat-tfal b'massa tal-ġisem ta' aktar minn **20 kg**;

### Emenda 202

**Proposta għal regolament  
Anness I – Parti II – punt 5**

*Test propos mill-Kummissjoni*

5. **roti, skuters u mezzi oħra tat-trasport disinjati għall-isport jew maħsuba għall-ivvjaġġar fuq toroq pubbliċi jew mogħdijiet pubbliċi;**

*Emenda*

*imħassar*

### Emenda 203

**Proposta għal regolament  
Anness I – Parti II – punt 14**

*Test propos mill-Kummissjoni*

14. tagħmir elettroniku, bħal kompjuters personali u game consoles, użati biex jinkiseb aċċess għal software interattiv u l-periferali **assoċjati tiegħi, jekk it-tagħmir** elettroniku jew il-periferali assoċjati ma jkunux iddisinjati b'mod spċificu għat-tfal u mmirati għalihom u jkollhom valur tal-logħob minnhom infuħom, bħal kompjuters personali, tastieri, joy sticks jew roti tas-sewqan iddisinjati b'mod spċċali għal hekk.

*Emenda*

14. tagħmir elettroniku, bħal kompjuters personali u game consoles, użati biex jinkiseb aċċess għal software interattiv u l-periferali **jew il-komponenti assoċjati magħhom, diment li t-tagħmir** elettroniku jew il-periferali **jew il-komponenti** assoċjati ma jkunux iddisinjati b'mod spċificu għat-tfal u mmirati għalihom u jkollhom valur tal-logħob minnhom infuħom, bħal kompjuters personali, tastieri, joy sticks jew roti tas-sewqan iddisinjati b'mod spċċali għal hekk;

**Emenda 204**

**Proposta għal regolament  
Anness I – Parti II – punt 19a (ġidid)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**19a. Kotba maħsuba għat-tfal ta' età akbar minn 36 xahar, li jkunu magħmula komplettament mill-karta jew mill-kartun, mingħajr materjali jew komponenti addizzjonal.**

**Emenda 205**

**Proposta għal regolament  
Anness II – Parti I – punt 9**

*Test propos mill-Kummissjoni*

9. Il-ġugarelli għandhom jiġu ddisinjati u manifatturati b'mod li, mil-lat tal-valuri massimi **tal-ħoss tal-impuls** u **tal-ħoss** kontinwu, il-ħoss li joħroġ minnhom ma jagħmilx ħsara lis-smiġħ tat-tfal.

*Emenda*

9. Il-ġugarelli **li huma ddisinjati biex jagħmlu ħoss** għandhom jiġu ddisinjati u manifatturati b'mod li, mil-lat tal-valuri massimi **għall-ħoss f'impulsi** u **għall-ħoss** kontinwu, il-ħoss li joħroġ minnhom ma jagħmilx ħsara lis-smiġħ tat-tfal. **Il-valuri ta' limitu għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' att delegat, filwaqt li l-valuri massimi ma għandhomx jaqbżu dawk stabbiliti fid-Direttiva 2003/10/KEE.**

**Emendi 206 u 253**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – Parti II – punt 2 – punt a – punt 5**

*Test propos mill-Kummissjoni*

(5) il-klassijiet tal-periklu 3.9 **u 3.10**;

*Emenda*

(5) il-klassijiet tal-periklu 3.9, **3.10 u 3.11**;

**Emenda 254**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – Parti II – punt 2 – punt a – punt 6**

*Test propos mill-Kummissjoni*

(6) il-klassi tal-periklu 4.1;

*Emenda*

(6) il-klassi tal-periklu 4.1, **4.2, 4.3 u 4.4**;

**Emenda 207**

**Proposta għal regolament  
Anness II – Parti III – punt 2**

*Test propos mill-Kummissjoni*

2. Il-ġugarelli li huma stess huma sustanzi jew taħlitiet għandhom jikkonformaw ukoll mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

*Emenda*

2. Il-ġugarelli li huma stess huma sustanzi jew taħlitiet għandhom jikkonformaw ukoll mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ***kif ukoll mar-rekwizitti tat-tikkettar stabiliti fir-Regolament (KE)*** Nru 1223/2009.

**Emenda 208**

**Proposta għal regolament  
Anness II – Parti III – punt 4 – parti introduttora**

*Test propos mill-Kummissjoni*

4. L-użu fil-ġugarelli, il-komponenti tal-ġugarelli jew il-partijiet mikrostrutturalment distinti tal-ġugarelli, ta' sustanzi jew taħlitiet klassifikati fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 f'xi waħda mill-kategoriji li ġejjin hu pprojbit:

*Emenda*

4. L-użu fil-ġugarelli, il-komponenti tal-ġugarelli jew il-partijiet mikrostrutturalment distinti tal-ġugarelli, ta' sustanzi jew taħlitiet ***li jissodisfaw il-kriterji stabiliti fl-Artikolu 57 ta' dan ir-Regolament u li jiġu identifikati f'konformità mal-Artikolu 59(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006***, klassifikati fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ***jew li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni*** f'xi waħda mill-kategoriji li ġejjin hu pprojbit:

**Emenda 209**

**Proposta għal regolament  
Anness II – Parti III – punt 4 – punt b**

*Test propos mill-Kummissjoni*

(b) interferenza endokrinali tal-kategorija 1 jew 2;

*Emenda*

(b) interferenza endokrinali tal-kategorija 1 jew 2, ***għas-sahħha tal-bniedem u l-ambjent***;

**Emenda 210**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – Parti III – punt 4 – punt da (ġidid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(da) sensitizzazzjoni tal-ġilda kategorija I;*

**Emenda 211**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – Parti III – punt 4 – punt db (ġidid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(db) persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi;*

**Emenda 212**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – Parti III – punt 4 – punt dc (ġidid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(dc) persistenti ħafna, bijoakkumulattivi ħafna;*

**Emenda 213**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – Parti III – punt 4 – punt dd (ġidid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(dd) persistenti, mobbli u tossiċi;*

## **Emenda 214**

### **Proposta għal regolament**

#### **Anness II – Parti III – punt 4 – punt de (ġidid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(de) persistenti ħafna, mobbli ħafna.*

## **Emenda 215**

### **Proposta għal regolament**

#### **Anness II – Parti III – punt 4a (ġidid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(4a) L-użu fil-ġugarelli, fil-komponenti tal-ġugarelli jew fil-partijiet mikrostrutturalment distinti tal-ġugarelli, ta' sustanzi per- u polifluworoalkilati (PFAS) u tal-bisfenoli huwa pprojbit. Il-ġugarelli maħsuba biex jintużaw minn tfal ta' età inqas minn 36 xahar jew ġugarelli oħra maħsuba biex jitqiegħdu fil-ħalq ma għandux ikun fihom fwejjaħ.*

## **Emenda 216**

### **Proposta għal regolament**

#### **Anness II – Parti III – punt 7 – punt c**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) il-komponenti tal-ġugarelli meħtieġa għall-funzjonijiet elettroniċi jew elettriċi **tal-ġugarelli** meta s-sustanza jew it-taħlita **ma tkun aċċessibbli xejn** għat-tfal, inkluż man-nifs.

(c) il-komponenti tal-ġugarelli meħtieġa għall-funzjonijiet elettroniċi jew elettriċi **tal-ġugarell** meta s-sustanza jew it-taħlita tkun **totalment inaċċessibbli** għat-tfal, inkluż man-nifs, **meta l-ġugarell jintuża kif speċifikat fl-ewwel subparagrafu tal-**

**Emenda 217**  
**Proposta għal regolament**  
**Anness II – Parti III – punt 8**

*Test propos mill-Kummissjoni*

8. Il-ġugarelli kożmetiċi, bħall-kożmetiċi tal-logħob għall-pupi, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-kompożizzjoni u tat-tikkettar stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>43</sup>.

<sup>43</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59).

*Emenda*

8. Il-ġugarelli kożmetiċi, bħall-kożmetiċi tal-logħob għall-pupi **jew għat-tfal, l-islime, iż-żebgħa għas-swaba' jew it-tafal għall-immudellar** għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-kompożizzjoni u tat-tikkettar stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>43</sup>.

<sup>43</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59).

**Emenda 218**

**Proposta għal regolament**  
**Anness II – Parti IV – punt 1 – paragrafu 2**

*Test propos mill-Kummissjoni*

Il-vultaġġi interni ma għandhomx jaqbżu l-24 volt DC jew il-vultaġġ AC ekwivalenti sakemm ma jkunx żgurat li l-kombinament tal-vultaġġ u tal-kurrent iġġenerat ma jwassalx għal xi riskju għas-saħħha u s-sikurezza jew għal xi xokk elettriku, anke meta l-ġugarell jinkiser.

*Emenda*

Il-vultaġġi interni ma għandhomx jaqbżu l-24 volt DC jew il-vultaġġ AC ekwivalenti sakemm ma jkunx żgurat li l-kombinament tal-vultaġġ u tal-kurrent iġġenerat ma jwassalx għal xi riskju għas-saħħha u s-sikurezza jew għal xi xokk elettriku **ta' ħsara**, anke meta l-ġugarell jinkiser.

## Emenda 219

### Proposta għal regolament Anness II – Parti V – punt 2

*Test propos mill-Kummissjoni*

2. Ġugarell maħsub biex jintuża mit-tfal **sa' 36** xahar għandu jiġi ddisinjat u manifatturat b'mod li jkun jista' jitnaddaf. Ġugarell tad-drapp, għal dan il-għan, għandu jkun jista' jinħasel, tħlief jekk ikun fihi mekkaniżmu li jista' jiġi l-ħsara jekk jinħasel bl-ilma. Il-ġugarell għandu jissodisfa r-rekwiżiti tas-sikurezza anki wara li jkun tnaddaf f'konformità ma' dan il-punt u l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

*Emenda*

2. Ġugarell maħsub biex jintuża mit-tfal **ta' età taħt is-36** xahar **jew maħsub biex jitpoġġa fil-ħalq** għandu jiġi ddisinjat u manifatturat b'mod li jkun jista' jitnaddaf. Ġugarell tad-drapp, għal dan il-għan, għandu jkun jista' jinħasel, tħlief jekk ikun fihi mekkaniżmu li jista' jiġi l-ħsara jekk jinħasel bl-ilma. Il-ġugarell għandu jissodisfa r-rekwiżiti tas-sikurezza anki wara li jkun tnaddaf f'konformità ma' dan il-punt u l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

## Emenda 257

### Proposta għal regolament Anness II – Appendix – Parti A – tabella

*Test propos mill-Kummissjoni*

Element	mg/kg f'materjal tal-ġugarelli niexef, fraġli, flessibbli jew f'għamla ta' trab	mg/kg f'materjal tal-ġugarelli likwidu jew iwaħħal	mg/kg f'materjal tal-ġugarell li jkun inbarax minn fuqu
Aluminju	2250	560	28130
Antimonju	45	11,3	560
Arseniku	3,8	0,9	47
Barju	1 500	375	18750
Boron	1 200	300	15 000
<b>Kadmju</b>	<b>1,3</b>	<b>0,3</b>	<b>17</b>
Kromju (III)	37,5	9,4	460
<b>Kromju (VI)</b>	<b>0,02</b>	<b>0,005</b>	<b>0,053</b>

Kobalt	10,5	2,6	130
Ram	622,5	156	7 700
<b>Ċomb</b>	<b>2,0</b>	<b>0,5</b>	<b>23</b>
Manganiż	1 200	300	15 000
<b>Merkurju</b>	<b>7,5</b>	<b>1,9</b>	<b>94</b>
Nikil	75	18,8	930
Selenju	37,5	9,4	460
Stronzu	4 500	1 125	56 000
Landa	15 000	3 750	180 000
Landa organika	0,9	0,2	12
Żingu	3 750	938	46 000

*Emenda*

Element	mg/kg f'materjal tal-ġugarelli niexef, fraġli, flessibbli jew f'għamlta ta' trab	mg/kg f'materjal tal-ġugarelli likwidu jew iwaħħal	mg/kg f'materjal tal-ġugarell li jkun inbarax minn fuqu
Aluminju	2250	560	28130
Antimonju	45	11,3	560
Arseniku	3,8	0,9	47
Barju	1 500	375	18750
Boron	1 200	300	15 000

*imħassar*

Kromju (III)	37,5	9,4	460
--------------	------	-----	-----

*imħassar*

Kobalt	10,5	2,6	130
Ram	622,5	156	7 700

*imħassar*

Manganiż	1 200	300	15 000
----------	-------	-----	--------

*imħassar*

Nikil	75	18,8	930
Selenju	37,5	9,4	460
Stronzu	4 500	1 125	56 000
Landa	15 000	3 750	180 000
Landa organika	0,9	0,2	12
Żingu	3 750	938	46 000

**Emenda 255**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – Appendix – Parti A – punt 1a (ġidid)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a. Il-ġugarelli ma għandux ikun fihom kromju VI, kadmju, merkurju u ċomb, sakemm il-preżenza tagħhom ma tkunx teknikament inevitabbi skont prattika tajba tal-manifattura u ma taqbiżx il-limitu ta' deteżżjoni fil-materjal omoġenju.*

## **Emenda 256**

### **Proposta għal regolament**

#### **Anness II – Appendix – Parti A – punt 2**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. In-nitrosammini u s-sustanzi ***nitrosabbli*** huma pprojbiti fil-ġugarelli ***maħsuba biex jintużaw mit-tfal sa' 36 xahar jew f'ġugarelli oħra maħsuba biex jitqiegħdu fil-ħalq, meta l-migrazzjoni*** ta' dawk is-sustanzi ***tkun ekwivalenti għal 0,01 mg/kg jew aktar minn hekk għan-nitrosammini u 0,1 mg/kg għas-sustanzi nitrosabbli.***

2. In-nitrosammini u s-sustanzi ***nitrosatabbli*** huma pprojbiti fil-ġugarelli ***kollha. Il-migrazzjoni*** ta' dawk is-sustanzi ***minn ġugarelli, komponenti ta' ġugarelli jew partijiet mikrostrutturalment distinti tal-ġugarelli, ma għandhiex tkun ta' aktar minn 0,01 mg/kg għan-nitrosammini u 0,1 mg/kg għas-sustanzi nitrosatabbli.***

## **Emenda 221**

### **Proposta għal regolament**

#### **Anness II – Appendix – Parti A – punt 4 – parti introduttorja**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. Il-ġugarelli ma għandux ikollhom l-allerġeni tal-fwejjaḥ li ġejjin sakemm il-

4. Il-ġugarelli ma għandux ikollhom l-allerġeni tal-fwejjaḥ li ġejjin sakemm il-

preżenza tagħhom fil-ġugarell ma tkunx teknikament inevitabbi fil-prattika tajba tal-manifattura u ma taqbiżx **100 mg/kg**:

preżenza tagħhom fil-ġugarell ma tkunx teknikament inevitabbi fil-prattika tajba tal-manifattura u ma taqbiżx **10 mg/kg**:

## Emenda 222

### Proposta għal regolament Anness II – Appendix – Parti B – punt 1 – parti introdutorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-ismijiet tal-allerġeni tal-fwejjaħ li ġejjin għandhom jiġu elenkti fuq il-ġugarell, fuq tikketta mwaħħla, fuq l-imballaġġ jew f'fuljett mehmuż, kif ukoll fil-passaport tal-prodott, jekk dawk l-allerġeni jiżidiedu ma' ġugarell, meta jkunu preżenti fil-ġugarell jew f'xi komponent tiegħi b'konċentrazzjonijiet li jaqbżu **I-100 mg/kg**:

#### *Emenda*

1. L-ismijiet tal-allerġeni tal-fwejjaħ li ġejjin għandhom jiġu elenkti fuq il-ġugarell, fuq tikketta mwaħħla, fuq l-imballaġġ jew f'fuljett mehmuż, kif ukoll fil-passaport **diġitali** tal-prodott, jekk dawk l-allerġeni jiżidiedu ma' ġugarell, meta jkunu preżenti fil-ġugarell jew f'xi komponent tiegħi b'konċentrazzjonijiet li jaqbżu **I-10 mg/kg**:

## Emenda 258

### Proposta għal regolament Anness II – Appendix – Parti C – tabella

*Test propos mill-Kummissjoni*

Sustanza jew taħlita	Klassifikazzjoni	Użu permess
Nikil	Karē 2	<p>Fil-ġugarelli u l-komponenti tal-ġugarelli magħmula mill-azzar inossidabbli.</p> <p>Fil-komponenti tal-ġugarelli maħsuba biex iwasslu l-kurrent elettriku.</p>

*Emenda*

Sustanza jew taħlita	Klassifikazzjoni	Użu permess	Dati tal-applikabbiltà
Nikil	Karē 2	<p>Fil-ġugarelli u l-komponenti tal-ġugarelli magħmula mill-azzar inossidabbli.</p> <p>Fil-komponenti tal-ġugarelli maħsuba biex iwasslu l-kurrent elettriku.</p>	

**Emenda 223**

**Proposta għal regolament**

**Anness III – punt 1 – paragrafu 2 – parti introduttiorja**

*Test propos mill-Kummissjoni*

It-twissijiet kollha għandhom jibdew bil-kelma “Twissija” jew b’pittogramma ġenerika **bħal dawn li ġejjin:**

*Emenda*

It-twissijiet kollha għandhom jibdew bil-kelma “Twissija” jew, **alternativament**, b’pittogramma ġenerika **bħall-pittogramma li ġejja, li għandha tintwera b'mod prominenti:**

**Emenda 224**

**Proposta għal regolament**  
**Anness III – punt 2 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Ma' dawn it-twissijiet għandha tingħata indikazzjoni qasira li tista' tidher fl-istruzzjonijiet tal-użu, dwar il-periklu speċifiku li qed jeżiġi din il-prekawzjoni.

*Emenda*

***Il-pittogramma għandu jkollha dijametru ta' mill-inqas 10 mm u għandu jkun fiha ċirku aħmar bi sfond abjad u bit-test u l-wiċċ b'kulur iswed.*** Ma' dawn it-twissijiet għandha tingħata indikazzjoni qasira li tista' tidher fl-istruzzjonijiet tal-użu, dwar il-periklu speċifiku li qed jeżiġi din il-prekawzjoni.

**Emenda 225**

**Proposta għal regolament**  
**Anness III – punt 8 – paragrafu 2 – parti introduttiorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Il-ġugarelli li jkunu fl-ikel jew imħallta mal-ikel għandhom juru t-twissija li ġejja:***

*Emenda*

***L-imballaġġ tal-ikel li jkun fih il-ġugarelli jew imballaġġ tal-ikel jew imħallat mal-ġugarelli għandu juri t-twissija li ġejja:***

**Emenda 226**

**Proposta għal regolament**  
**Anness IV – Parti I - punt 4 – parti introduttiorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-markatura CE u l-passaport tal-prodotti

*Emenda*

4. Il-markatura CE u l-passaport ***diġitali*** tal-prodotti

## Emenda 227

### Proposta għal regolament Anness IV – Parti I – punt 4 – punt 4.2

*Test propos mill-Kummissjoni*

4.2. Il-manifattur għandu jfassal il-passaport tal-prodotti għal mudell ta' ġugarell u jiżgura li flimkien mad-dokumentazzjoni teknika, dan jibqa' disponibbli għal 10 snin ***minn meta I-prodott*** jitqiegħed fis-suq. Il-passaport tal-prodotti għandu jidentifika l-ġugarell li għalihi ikun tfassal.

*Emenda*

4.2. Il-manifattur għandu jfassal il-passaport ***diġitali*** tal-prodotti għal mudell ta' ġugarell u jiżgura li flimkien mad-dokumentazzjoni teknika, dan jibqa' disponibbli għal 10 snin ***wara li I-aħħar artiklu tal-mudell tal-ġugarell*** jitqiegħed fis-suq. Il-passaport ***diġitali*** tal-prodotti għandu jidentifika l-ġugarell li għalihi ikun tfassal.

## Emenda 228

### Proposta għal regolament Anness IV – Parti II – punt 9

*Test propos mill-Kummissjoni*

9. Il-manifattur għandu jżomm kopja taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE, tal-annessi u taż-żidiet miegħu, kif ukoll tad-dokumentazzjoni teknika għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal ***għaxar (10)*** snin ***minn meta I-ġugarell*** jitqiegħed fis-suq.

*Emenda*

9. Il-manifattur għandu jżomm kopja taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE, tal-annessi u taż-żidiet miegħu, kif ukoll tad-dokumentazzjoni teknika għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal ***10*** snin ***wara li I-aħħar artiklu tal-mudell tal-ġugarell*** jitqiegħed fis-suq.

## Emenda 229

### Proposta għal regolament Anness IV – Parti III – titolu

*Test proposi mill-Kummissjoni*

III Konformità mat-tip ibbażata fuq il-kontroll intern tal-produzzjoni

*Emenda*

III **Modulu C:** Konformità mat-tip ibbażata fuq il-kontroll intern tal-produzzjoni

## Emenda 230

### Proposta għal regolament

Anness IV – Parti III – punt 3 – parti introduttiorja

*Test proposi mill-Kummissjoni*

3. Il-markatura CE u l-passaport tal-prodotti

*Emenda*

3. Il-markatura CE u l-passaport **diġitali** tal-prodotti

## Emenda 231

### Proposta għal regolament

Anness IV – Parti III – punt 3.2

*Test proposi mill-Kummissjoni*

3.2. Il-manifattur għandu joħloq passaport tal-prodotti għal mudell ta' ġugarell u jiżgura li jibqa' disponibbli għal **għaxar (10)** snin **mnn meta l-prodott** jitqiegħed fis-suq. Il-passaport tal-prodotti għandu jidentifika l-ġugarell li għalihi ikun tfassal.

*Emenda*

3.2. Il-manifattur għandu joħloq passaport **diġitali** tal-prodotti għal mudell ta' ġugarell u jiżgura li jibqa' disponibbli għal **10** snin **wara li l-aħħar artiklu tal-mudell tal-ġugarell** jitqiegħed fis-suq. Il-passaport **diġitali** tal-prodotti għandu jidentifika l-ġugarell li għalihi ikun tfassal.

## Emenda 232

**Proposta għal regolament  
Anness V – punt 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Kopji tad-dokumenti li l-manifattur ikun ippreżenta lil xi korp notifikat,

*Emenda*

(5) Kopji tad-dokumenti li l-manifattur ikun ippreżenta lil xi korp notifikat, **meta jkun rilevanti;**

**Emenda 233**

**Proposta għal regolament  
Anness VI – subintestatura 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

PASSAPORT TAL-PRODOTTI

*Emenda*

PASSAPORT **DIĠITALI** TAL-PRODOTTI

**Emenda 234**

**Proposta għal regolament  
Anness VI – Parti I – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

I **Tagħrif li għandu jiġi inkluż fil-passaport tal-batteriji**

*Emenda*

I **Informazzjoni li trid tiġi inkluża fil-passaport **diġitali** tal-batteriji**

**Emenda 235**

**Proposta għal regolament  
Anness VI – Parti I – punt d**

*Test propos mill-Kummissjoni*

(d) I-oġġett tal-passaport  
(identifikazzjoni tal-ġugarell li tippermetti  
t-traċċabbiltà, *inkluż immaġni bil-kulur  
ċara biżżejjed biex ikun jista' jiġi  
identifikat il-ġugarell;*

*Emenda*

(d) I-oġġett tal-passaport  
(identifikazzjoni tal-ġugarell li tippermetti  
t-traċċabbiltà);

### **Emenda 236**

#### **Proposta għal regolament Anness VI – Parti I – punt ja (ġidid)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ja) il-mezz tal-komunikazzjoni kif  
previst fl-Artikolu 7(11);*

### **Emenda 237**

#### **Proposta għal regolament Anness VI – Parti I – punt jb (ġidid)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(jb) jekk il-ġugarell jinkludi tagħmir tar-  
radju l-informazzjoni prevista fl-Anness VI  
tad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament  
Ewropew u tal-Kunsill;*

### **Emenda 238**

**Proposta għal regolament  
Anness VI – Parti I – punt jc (ġdid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(jc) link għas-Safety Business Gateway u  
għat-taqṣima tal-Portal Safety Gate  
msemmija fl-Artikoli 27 u 34(3) tar-  
Regolament 2023/988 għat-trażmissjoni  
ta' informazzjoni dwar ġugarelli li jistgħu  
jippreżentaw riskju għas-saħħa u għas-  
sikurezza tal-konsumaturi.**

**Emenda 239**

**Proposta għal regolament  
Anness VI – Parti I – punt k**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(k) kull sustanza tat-tħassib preżenti fil-  
ġugarell.** *imħassar*

**Emenda 240**

**Proposta għal regolament  
Anness VI – Parti II – titolu**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

II Informazzjoni li tista' tiddaħħal fil-  
passaport tal-prodotti

II Informazzjoni li tista' tiddaħħal fil-  
passaport **diġitali** tal-prodotti

**Emenda 241**

**Proposta għal regolament  
Anness VI – Parti II – punt ba (ġidid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ba) immaġni jew tpinġija tal-ġugarell.**